MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-5 ta' Frar, 2025

Appell Inferjuri Numru 322/2018 LM

**L-Avukat Dr Peter Caruana Galizia (K.I. nru. 30056M), Matthew Caruana Galizia (K.I. nru. 130886M), Andrew Caruana Galizia (K.I. nru. 384287M), u Paul Caruana Galizia (K.I. nru. 8989M)**
*('l-appellati')*

***vs.***

**L-Avukat Dr Joseph Gerada (K.I. nru. 419780M)**
*('l-appellant')*

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell magħmul mill-konvenut **l-Avukat Dr Joseph Gerada (K.I. nru. 419780M)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'], mid-deċiżjoni mogħtija fit-8 ta' Mejju, 2024 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'], mill-Qorti tal-

Maġistrati (Malta) [minn issa 'l quddiem 'l-Ewwel Qorti'], li ddeċidiet it-talbiet tal-atturi **l-Avukat Peter Caruana Galizia (K.I. Nru. 30056M), Matthew Caruana Galizia (K.I. nru. 130886M), Andrew Caruana Galizia (K.I. nru. 384287M)** u **Paul Caruana Galizia (K.I. nru. 8989M)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellati'], fil-konfront tal-konvenut, kif ġej:

> "*Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:*
>
> *1. Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut tal-irritwalità tal-azzjoni odjerna stante li l-assenza minn Malta ta' uħud mill-atturi;*
> *2. Tiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti tan-nullità tal-azzjoni tal-atturi in kwantu bbażata fuq l-Artikolu 836 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*
> *3. Tiċħad it-tielet eċċezzjoni tal-konvenut tar-*res judicata;
> *4. Tiċħad ir-raba' eċċezzjoni tal-konvenut tan-nuqqas ta' interess ġuridiku tal-atturi;*
> *5. Tiċħad il-ħames eċċezzjoni tal-konvenut fil-meritu, u konsegwentement tilqa' t-talba tal-atturi u tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-atturi s-somma ta' tmint elef tliet mija u sitta u għoxrin Euro u sebgħa u disgħin ċenteżmu (€8,326.97), rappreżentanti in kwantu għas-somma ta' tmint elef Euro (€8,000) penali imposta ai termini tal-artikolu 836(8) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u in kwantu għas-somma ta' tliet mija u sitta u għoxrin Euro u sebgħa u disgħin ċenteżmu (€326.97) rappreżentanti danni dovuti ai termini tal-Artikolu 836(9) tal-istess Kodiċi, bl-imgħax mid-data tal-lum sad-data tal-pagament effettiv.*
>
> *L-ispejjeż kollha in konnessjoni ma' dawn il-proċeduri għandhom jiġu subiti mill-konvenut."*

## <u>Fatti</u>

2. Permezz tat-talba tagħhom quddiem l-Ewwel Qorti, l-atturi talbu li l-konvenut ikun ikkundannat iħallashom, bħala l-eredi *ab intestato* ta' Daphne Caruana Galizia, li nqatlet fis-16 ta' Ottubru, 2017, is-somma ta' mhux anqas minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u tmienja u tletin ċenteżmu

(€2,329.38) u mhux iżjed minn tlettax-il elf, disa' mija sitta u sebgħin Euro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€13,976.24) bħala penali a tenur tal-artikolu 836(8) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, talli wara li talab u kiseb fis-7 ta' Frar, 2017, il-ħruġ ta' żewġ mandati ta' sekwestru kawtelatorji numri 220/2017 u 221/2017 kontra l-imsemmija Daphne Caruana Galizia, għas-somma ta' ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin Euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87), u talli wara li ppreżenta żewġ kawżi ta' libell fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) numri 31/2017 u 32/2017, ċeda ż-żewġ kawżi fl-4 ta' Ottubru, 2018 mingħajr ma ressaq provi, u għalhekk l-atturi sostnew li dawn iż-żewġ mandati u ż-żewġ kawżi saru b'mod malizzjuż, frivolu u vessatorju għall-finijiet tas-sub-inċiż (d) tas-sub-artikolu (8) tal-artikolu 836 tal-Kap. 12.

3. Fir-risposta tiegħu il-konvenut, eċċepixxa l-irritwalità tal-azzjoni fir-rigward tal-atturi li jirriżultaw li kienu assenti minn Malta meta ġiet ippreżentata l-kawża. Qal illi l-atturi Matthew, Andrew u Paul Caruana Galizia għandhom jippruvaw li ma kinux assenti minn Malta meta ġiet ippreżentata l-kawża. Il-konvenut eċċepixxa wkoll in-nullità tal-azzjoni attriċi, in kwantu bbażata fuq l-artikolu 836 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, billi ma saritx skont il-proċedura preskritta mil-liġi. Il-konvenut eċċepixxa wkoll li ż-żewġ talbiet għaddew in ġudikat stante li l-mertu diġà ġie deċiż bejn il-partijiet jew l-awturi tagħhom meta l-Qorti kienet qiegħda tittratta l-kawża dwar il-jedd tal-eċċipjent. Il-konvenut eċċepixxa wkoll li l-atturi għandhom jippruvaw l-interess ġuridiku tagħhom f'dawn il-proċeduri sabiex ikunu jistgħu jipproponu din l-azzjoni bħala eredi *ab intestato* ta' Daphne Caruana Galizia. Finalment il-konvenut eċċepixxa li t-talbiet attriċi huma legalment u fattwalment infondati billi mhuwiex minnu

li meta ġew ippreżentati l-kawżi u l-mandati kawtelatorji in kwistjoni, huwa aġixxa b'mod malizzjuż, frivolu jew vessatorju fit-termini tas-subartikolu (8) tal-artikolu 836 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u qal li għalhekk it-talbiet tal-atturi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż.

## Id-Deċiżjoni Appellata

4. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija mill-Ewwel Qorti fit-8 ta' Mejju, 2024, din laqgħet it-talbiet tal-atturi, wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

***"Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti***

*6. L-atturi fil-kwalità tagħhom ta' eredi ta' Daphne Caruana Galizia qegħdin jitolbu li l-konvenut jiġi kkundannat iħallashom penali a tenur tal-artikolu 836(8) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u dan peress illi wara li l-konvenut kien talab u ottjena l-ħruġ ta' żewġ mandati ta' sekwestru kawtelatorji fil-konfront ta' Daphne Caruana Galizia, huwa kien ċeda l-istess kawżi mingħajr ma ressaq l-ebda provi. L-atturi qegħdin jitolbu wkoll li l-konvenut jiġi kkundannat iħallashom l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri u s-somma ta' €326.97 rappreżentanti nofs is-somma miżmuma minn HSBC Bank Malta plc mal-preżentata taċ-ċedola ta' depożitu numru 458/17.*

*7. Il-konvenut laqa' għal din it-talba billi ressaq ħames eċċezzjonijiet. Erba' minn dawn l-eċċezzjonijiet huma ta' natura preliminari u għalhekk jeħtieġ li jiġu kkunsidrati u deċiżi qabel kwalunkwe konsiderazzjoni li tista' tagħmel din il-Qorti fil-mertu*

*<u>L-Ewwel Eċċezzjoni – L-irritwalità tal-azzjoni stante l-assenza minn Malta ta' uħud mill-atturi</u>*

*8. B'din l-ewwel eċċezzjoni tiegħu l-konvenut jeċċepixxi l-irritwalità tal-azzjoni odjerna fir-rigward ta' dawk l-atturi li kienu assenti minn Malta meta ġew intavolati l-proċeduri.*

*9. L-artikolu 180(a) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) jipprovdi li l-preżentata tal-iskritturi tista' ssir "*mill-parti stess li tidher fl-isem

tagħha nfisha, jew mill-persuna li tidher bħala ... prokuratur ta' persuni li jinsabu barra mill-Gżira ta' Malta jew ta' Għawdex, li fiha l-iskrittura tiġi pprezentata."

10. *L-attur Dr Peter Caruana Galizia xehed li ibnu Matthew Caruana Galizia ilu jgħix miegħu ġewwa Malta b'effett mill-1 ta' Novembru, 2018, fatt dan li ġie kkonfermat mill-istess Matthew Caruana Galizia fl-affidavit tiegħu. Mill-atti ma hemm ebda prova li b'xi mod tikkontradiċi dak li ngħad minn dawn iż-żewġ atturi f'dan ir-rigward. In-nota datata 11 ta' Settembru, 2018 li l-attur Dr Peter Caruana Galizia kien ippreżenta fl-atti tal-proċeduri fl-ismijiet* Av. Dr Joseph Gerada vs Daphne Anne Caruana Galizia *(Rikors numru 31/17FDP) (fn. 16: Immarkata bl-ittra 'A' u esebita mill-konvenut man-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu a fol. 163 tal-proċess) u fejn kien iddikjara li uliedu kienu kollha residenti barra minn Malta ma jistax ikollha l-effett li tinnewtralizza dak li xehdu dwaru Dr Peter Caruana Galizia u Matthew Caruana Galizia f'dan ir-rigward. Dik in-nota kienet tindika s-sitwazzjoni fil-11 ta' Settembru, 2018 mentri dawn il-proċeduri ġew intavolati fl-11 ta' Diċembru, 2018, u għalhekk tliet xhur wara.*

11. *Inoltre, mill-atti jirriżulta li qabel ma ġiet intavolata l-kawża odjerna ż-żewġ atturi l-oħra Paul u Andrew Caruana Galizia kienu taw prokura speċjali lil missierhom l-attur Dr Peter Caruana Galizia li permezz tagħha awtorizzawh* "to file, contest and withdraw any judicial proceedings and enter into an agreement of compromise of any pending proceedings as he may deem fit in his absolute discretion". *(fn. 17: ara l-affidavit ta' Peter Caruana Galizia a fol. 29, l-affidavit ta' Matthew Caruana Galizia a fol. 30 u l-prokuri speċjali a fol. 33 u 34 tal-proċess). Isegwi għalhekk li l-attur Dr Peter Caruana Galizia kien awtorizzat jintavola l-proċedura odjerna f'isem iż-żewġ uliedu l-oħra wkoll.*

12. *Fis-sentenza fl-ismijiet* ***Untours Insurance (Agents & Brokers) Ltd vs Maria Lourdes Gauci*** *deċiża fis-16 ta' Diċembru, 2002 il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) (fn. 18: per Imħallef Philip Sciberras) spjegat illi:*

"Jingħad in linea ta' massima illi t-teorija l-aktar aċċettabbli mill-Qrati, f'każijiet ta' nullità tal-atti, hi dik li tiffavorixxi l-ammissibilità u mhux in-nullità tal-att. Dan in omaġġ għal prinċipju illi n-nullitajiet għad-defiċjenzi proċedurali għandhom jiġu skoraġġiti u fejn hu possibli l-atti jiġu salvati.

Dan il-ħsieb, illum aktar minn qabel, hu in armonija mal-innovazzjonijiet u l-aġġornamenti proċedurali introdotti bl-Att XXIV tal-1995 għall-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Ġja fl-imgħoddi Qrati differenti, ispirati mill-ħtieġa tat-twettiq ta' dak imfassal bħala "la giustizia del dato caso", kienu

jħarsu, aktar milli lejn il-legaliżmu u l-formaliżmu, "lejn dak li hu skont il-ħaqq u s-sewwa, lejn il-ġustizzja sostanzjali, xi drabi wkoll, fejn meħtieġ, moderata mill-prinċipju tal-ekwità" (Vol. XXIX.i.1171; Carmelo Meli vs Anthony Sammut, Appell Kummerċ, 22.12.1970). Ġie enfasizzat per eżempju f'deċiżjoni ormai sekolari illi l-formaliżmu u r-rigoriżmu asaġarat fil-proċeduri ġudizzjarji ġie abbandunat bħala "il sistema proprio dell'infanzia del diritto" – Xuereb vs Xuereb, 02.01.1883."

13. *Fid-dawl ta' dan l-insenjament, il-Qorti tqis li anke jekk għall-grazzja tal-argument kellu jingħad li Paul u Andrew Caruana Galizia kienu assenti minn Malta meta ġiet preżentata l-kawża, il-fatt li dawn il-proċeduri ġew istitwiti minn Paul u Andrew aħwa Caruana Galizia f'isimhom proprju u mhux minn Dr Peter Caruana Galizia bħala mandatarju speċjali tagħhom ma jġibx is-sanzjoni estrema li l-proċeduri jiġu ddikjarati rritwali. Fil-fatt il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili ma jimponix il-piena ta' nullità f'każ li d-dettami tal-Artikolu 180(a) ma jiġux osservati.*

14. *In oltre, għalkemm il-konvenut jinsisti fuq l-irritwalità tal-azzjoni odjerna, huwa naqas milli jorbot din l-allegata irritwalità ma' waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 789 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili sabiex atti jiġu dikjarati nulli. Dan l-Artikolu 789(1) jippreskrivi illi l-eċċezzjoni tan-nullità ta' atti ġudizzjarji tista' tingħata:*

"(a) jekk in-nullità hija ddikjarata mil-liġi espressament;
(b) jekk l-att jinħareġ minn qorti mhux kompetenti;
(ċ) jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma meħtieġa mil-liġi, ukoll jekk mhux taħt piena ta' nullità, kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun ġiebet, lill-parti li titlob in-nullità, preġudizzju illi ma jistax jissewwa xort'oħra ħlief billi l-att jiġi annullat;
(d) jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarità essenzjali espressament meħtieġa mil-liġi:

Iżda dik l-eċċezzjoni ta' nullità kif maħsuba fil-paragrafi (a), (ċ) u (d) ma tkunx tista' tingħata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistgħu jissewwew taħt kull dispożizzjoni oħra tal-liġi."

15. *Kif diġà ngħad l-ebda dispożizzjoni tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili ma jingħad espressament illi jekk id-dettami tal-artikolu 180(a) ma jiġux osservati, il-proċeduri jkunu nulli. L-Artikolu 789(1) għalhekk mhux applikabbli f'dan il-każ, u jidher li hu applikabbli l-artikolu 789(1)(ċ). Mill-atti ma jirriżultax, u fil-fatt*

*lanqas ġie hekk allegat mill-konvenut, li l-fatt li dawn il-proċeduri ġew istitwiti minn Paul u Andrew aħwa Caruana Galizia f'isimhom proprju u mhux minn Dr Peter Caruana Galizia bħala mandatarju speċjali tagħhom irreka xi forma ta' preġudizzju lill-konvenut. (fn. 19: ara b'analoġija s-sentenza* ***Avukat Dr Lawrence Pullicino vs Kap Kmandant tal-Forzi Armati nomine et*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fid-19 ta' Ottubru, 1988).*

16. *Għaldaqstant, din l-ewwel eċċezzjoni qed tiġi miċħuda.*

<u>*It-Tieni Eċċezzjoni – Nullità tal-azzjoni attriċi in kwantu bażata fuq l-Artikolu 836 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili*</u>

17. *Fit-tieni lok il-konvenut jeċċepixxi li l-azzjoni tal-atturi hija nulla stante li ma saritx skont il-proċedura maħsuba fl-Artikolu 836 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-konvenut jikkontendi li l-proċedura taħt l-Artikolu 836 tistabbilixxi talba għall-ħruġ ta' kontro-mandat u huwa fl-ambitu ta' dawk il-proċeduri li tista' ssir talba għall-ħlas tal-penali maħsuba fis-sub-inċiż 8 ta' dan l-Artikolu.*

18. *Il-Qorti tqis li l-atturi qegħdin jitolbu li tiġi imposta penali fuq il-konvenut ai termini tal-Artikolu 836(8) tal-Kodiċi ta' Proċedura li jipprovdi għal erba' ipoteżijiet li fihom "*Il-qorti tista' tikkundanna lir-rikorrent li jkun inħareġ att kawtelatorju fuq talba tiegħu sabiex iħallas penali ta' mhux inqas minn elf mija u erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69) u mhux iżjed minn sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin Euro u tnax-il ċenteżmu (€6,988.12) li jmorru għand il-persuna li kontriha jkun inħareġ l-att kawtelatorju ...".

19. *Fis-sentenza fl-ismijiet* ***Carmel Farrugia et vs Charmaine Farrugia proprio et nomine*** *deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (fn. 20: Per Imħallef Joseph R. Micallef) fit-2 t'Awwissu, 2012 ingħad illi:*

    "Dwar din id-diskrezzjoni ingħad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirriżultaw l-estremi li l-liġi teżiġi biex din tkun imposta, u l-Qorti tista' biss tagħżel li ma timponix il-penali maħsuba fl-artikolu 836(8) f'każijiet estremi fejn is-sens ta' ġustizzja hekk kien jimponilha. Il-penali maħsuba fl-imsemmi artikolu 836(8) tal-Kap. 12 hija waħda ta' ordni pubbliku immirata li tiżgura serjetà fl-imsemmi proċess ġudizzjarju u biex ma tħallix l-istitut tal-mandati kawtelatorji jintuża b'abbuż."

20. *Fid-dawl ta' dan l-insenjament, din il-Qorti hija tal-konsiderata fehma li r-rimedji għall-persuna li kontriha jkun inħareġ l-att kawtelatorju maħsuba fl-Artikolu 836 Kodiċi ta' Proċedura ma humiex limitati biss għal ċirkostanzi fejn ikun għadu fis-seħħ dak l-att kawtelatorju. F'dan il-każ jirriżulta li l-atti*

*kawtelatorji in kwistjoni kienu ġew revokati nhar il-25 ta' April, 2017 fuq talba ta' Daphne Caruana Galizia stante li l-ammont kawtelat kien ġie depożitat fir-Reġistru tal-Qorti. B'dan il-fatt waħdu però, l-atturi bħala l-aventi kawża tagħha, ma tilfux il-jedd li jagħmlu użu mir-rimedji maħsuba fl-Artikolu 836 tal-Kodiċi ta' Proċedura. Fil-fehma ta' din il-Qorti, ma għandux ikun pretiż mis-sekwestrat li jkun qiegħed jipprova jneħħi minn fuqu l-effetti ta' mandat ta' sekwestru, li jibqa' jissaporti dawk l-effetti sabiex ma jintilifx ir-rimedju provdut lilu mil-liġi.*

21. *Il-Qorti tqis li interpretazzjoni restrittiva ta' dan ir-rimedju kif qiegħed jippretendi l-konvenut, tista' twassal għal ċirkostanzi fejn rikorrenti li b'mod abbużiv ikun talab li jinħareġ att kawtelatorju, sussegwentement jirtira l-istess att bl-iskop li jevita l-impożizzjoni tal-penali. Dan ma huwiex l-ispirtu tal-Artikolu 836 tal-Kodiċi ta' Proċedura, li kif rajna huwa wieħed ta' ordni pubbliku li għandu l-iskop li jassigura li l-atti kawtelatorji ma jiġux utilizzati b'mod abbużiv. Ċertament li ladarba l-att kawtelatorju jkun ġie irtirat jew revokat, ma jkunx loġiku li wieħed jitlob li dak l-att kawtelatorju jitħassar biex fl-ambitu ta' talba bħal dik issir ukoll talba għall-impożizzjoni ta' penali. Fuq kollox, l-artikolu 836 tal-Kodiċi ta' Proċedura ma jeskludix li talba għall-impożizzjoni ta' penali ssir anke fi stadju sussegwenti għar-revoka tal-att kawtelatorju.*

22. *Fil-fatt l-artikolu 836(7) tal-Kodiċi ta' Proċedura espressament jikkontempla li l-Qorti għandha tistħareġ jekk kemm-il darba l-mandat kawtelatorju kienx seta' jinħareġ jew le jew biex tistħarreġ jekk l-istess mandat huwiex kontra l-liġi, minkejja li jkun sar depożitu u minkejja li jkun inħareġ il-kontro-mandat relattiv, però l-kawża fil-meritu bejn il-partijiet tkun għadha pendenti. (fn. 21: ara s-sentenza* ***Anthony Muscat et vs Anthony Nicholl et*** *deċiża fil-11 t'Awwissu, 2009 u s-sentenza* ***Emanuel Farrugia vs C&F Building Contractors Limited*** *deċiża fl-14 t'Awwissu, 2014, it-tnejn deċiżi mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (per Imħallef Joseph R. Micallef)*

23. *Fl-opinjoni konsiderata ta' din il-Qorti huwa kontra l-ispirtu tal-Artikolu 836 li wieħed jargumenta li meta mhux biss ikun inħareġ il-kontro-mandat relattiv għax ikun sar depożitu, iżda l-kawża fil-meritu tkun ukoll għal kwalsiasi raġuni ġiet terminata, il-Qorti hija impeduta milli timponi penali u danni kontra persuna li tkun ottjeniet il-ħruġ ta' mandat kawtelatorju b'mod abbusiv. L-Artikolu 836(8) sempliċiment jgħid li "*(i)l-qorti tista' tikkundanna lir-rikorrent li jkun inħareġ att kawtelatorju fuq talba tiegħu sabiex iħallas penali*" u mkien ma tgħid li l-Qorti tista' teżerċita dan il-poter biss meta l-proċeduri bejn il-*

*partijiet fil-meritu jkunu għadhom pendenti. Effettivament l-Artikolu 836(8) jikkontempla bħala waħda mir-raġunijiet meta l-Qorti tista' tikkundanna lill-eżekutant tal-mandat għall-penali* "(a) jekk ir-rikorrent, mingħajr raġuni valida, ma jagħmilx il-kawża dwar it-talba fiż-żmien stabbilit bil-liġi." *F'din l-ipotesi huwa ovvju li ma jkun hemm l-ebda kawża fil-mertu pendenti bejn il-partijiet, però dan nonostante l-Qorti hija xorta mogħtija s-setgħa li timponi penali fil-każijiet kongruwi.*

24. *Fis-sentenza **Joseph Rapa vs Raymond Sammut** deċiża fit-13 ta' Marzu, 2001, il-Qorti tal-Appell irriteniet li "*ir-rimedju mogħti lill-persuna esposta għall-effetti ta' mandat kawtelatorju li jkun sar skont il-liġi inutilment biex jiġi riżarċit id-danni, kellu jiġi espressament eżerċitat permezz ta' ċitazzjoni, fl-ewwel każ fejn il-Qorti tiġi mitluba timponi penali – sanzjoni din għal kollox distinta u awtonoma minn dik ta' ħlas ta' danni tant li hu faċilment konċepibbili illi tista' tiġi mposta l-penali anke fil-każ fejn ma jkunux irriżultaw danni rejali u attwali – il-liġi tipprovdi biss li kellu jkun hemm talba lill-Qorti. It-terminu "talba" timporta l-anqas forma solenni li biha persuna setgħet tadixxi lill-Qorti biex mingħandha tirċievi l-ħaqq. It-talba tista' tkun skritta, li formalment tissejjaħ rikors, u tista' wkoll tkun verbali meta bħala regola tiġi mill-Qorti verbalizzata in atti." *(fn. 22: ara fl-istess sens **Yorkie Clothing Industry Limited vs Dr Lillian Calleja Cremona** deċiża fit-30 ta' Mejju, 2002, mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (per Imħallef Raymond C. Pace). Fiż-żmien li fih ingħatat din is-sentenza, il-proċeduri quddiem il-Qrati superjuri kienu jinbdew permezz ta' ċitazzjoni. Bl-emendi tal-Att XXII tal-2002, il-leġislatur neħħa l-ħtieġa li t-talba għad-danni taħt l-Artikolu 836(9) issir b'ċitazzjoni, u minflok tali talba tista' ssir b'sempliċi rikors. Għalhekk illum il-ġurnata kemm talba għal penali kif ukoll talba għad-danni taħt l-Artikolu 836 jistgħu jinbdew b'rikors.*

25. *Fit-trattazzjoni orali l-abbli difensur tal-konvenut issottometta li dawn il-proċeduri huma irritwali għax ma nbdewx b'rikors, imma permezz ta' avviż. Il-Qorti tirrileva illi l-Artikolu 171 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili jippreskrivi hekk:*

    "(1) Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza tagħha inferjuri, jitmexxa b'mod ta' rikors li jkun skont l-għamla preskritta u jsir fl-għamla ta' avviż sempliċi ffirmat mir-Reġistratur, li jkun fih l-isem u l-kunjom tal-attur u tal-konvenut, it-talba tal-attur, u l-jum u l-ħin meta l-konvenut għandu jidher, minbarra partikolaritajiet oħra li jistgħu minn żmien għal żmien jiġu preskritti."

*Effettivament dawn il-proċeduri inbdew b'rikors f'għamla ta' avviż kif preskritt ml-liġi. Għalhekk fl-opinjoni ta' din il-Qorti, il-vot tal-liġi ġie sodisfatt.*

26. Ex abbundantia, *il-Qorti tirrileva li l-artikolu 164 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili jippreskrivi hekk:*

"(1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 175, ikun hemm nullità jekk kawża illi jmissha tinġieb b'rikors ġuramentat jew b'rikors ta' appell minflok tinġieb permezz ta' xi att ġudizzjarju ieħor.

(2) Ma hemmx nullità jekk kawża illi jmissha tinġieb b'rikors minflok tinġieb b'rikors ġuramentat:

Iżda kull żieda addizzjonali li ssir fl-ispejjeż għandha titħallas mill-attur."

27. *Dawn id-dispożizzjonijiet tal-liġi juru biċ-ċar li l-leġislatur ma riedx jippenalizza lil min minflok jintavola rikors jippreżenta att ġudizzjarju iktar solenni, u ċioe rikors ġuramentat, salv li għandu jħallas id-differenza fl-ispejjeż. Ikun hemm nullità meta minflok att ġidizzjarju solenni jippreżenta att ġudizzjarju ieħor, għalkemm anke f'dan il-każ hemm il-possibilità ta' korrezzjoni biex in-nullità tiġi sanata. Il-leġislatur ma jsemmi xejn fuq min minflok rikors sempliċi juża rikors f'għamla ta' avviż, però la darba l-leġislatur ma imponiex espressament is-sanzjoni ta' nullità f'tali eventwalità, u lanqas jimponi nullità fuq min juża att iktar solenni minn dak meħtieġ, il-Qorti hija tal-opinjoni li ċertament ma kinitx l-intenzjoni tal-leġislatur li l-fatt li persuna tuża avviż minflok tippreżenta rikors "sempliċi" tirrendi dawn il-proċeduri nulli u irritwali. (fn. 23: ara b'analoġija s-sentenza* ***Yorkie Clothing Industry Limited vs Dr Lillian Calleja Cremona*** *deċiża fit-30 ta' Mejju, 2002, mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, (Per Imħallef Raymond C. Pace).*

28. *Fid-dawl tal-konsiderazzjoni suesposti, it-tieni eċċezzjoni tal-konvenut qed tiġi miċħuda.*

*<u>It-Tielet Eċċezzjoni – Res Judicata</u>*

29. *B'din it-tielet eċċezzjoni tiegħu, il-konvenut jeċċepixxi li t-talba attriċi diġà ġiet deċiża f'kuntest għal talba għar-revoka tal-mandati kawtelatorji in kwistjoni. Il-konvenut jirreferi għal żewġ provvedimenti mogħtija nhar id-9 ta' Marzu, 2017 li permezz tagħhom din il-Qorti diversament preseduta kienet ċaħdet it-talbiet magħmula minn Daphne Caruana Galizia, l-awtriċi tal-atturi odjerni, sabiex jiġu revokati l-mandati kawtelatorji u sabiex fil-konfront tal-konvenut jiġu imposti l-penali maħsuba fl-Artikolu 836(8) tal- Kodiċi ta' Proċedura Ċivili.*

30. *Kif ingħad bosta drabi fi proċeduri bħal dawk istitwiti minn Daphne Caruana Galizia, l-istħarriġ li għandha tagħmel il-Qorti f'dak l-istadju, meta l-kawża fil-meritu tkun għadha pendenti, huwa biss wieħed* prima facie*, u dan għaliex il-mertu għandu jiġi mistħarreġ fil-kawża proprja bejn il-partijiet. (fn. 24: ara* ***Therese Mangion Galea vs Desmond Stanley Steward*** *deċiża fid-29 ta' Lulju, 2005 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (per Imħallef Joseph R. Micallef). Fil-fatt, fiż-żewġ provvedimenti tad-9 ta' Marzu, 2017, din il-Qorti diversament preseduta bdiet il-konsiderazzjonijiet tagħha bil-mod segwenti:*

    "Il-Qorti tosserva u tagħmilha ċara, l-ewwel u qabel kollox, illi skont il-prinċipji illi dawn il-Qrati dejjem enunzjaw fir-rigward ta' kawżi dwar revoka ta' Mandati Kawtelatorji, l-eżami li mistennija illi tagħmel il-Qorti huwa wieħed **prima facie**." (enfasi ta' dik il-Qorti).

    *Imbagħad meta ġiet biex tiddeċiedi dwar it-talba ta' Daphne Caruana Galizia għall-penali dik il-Qorti ikkonkludiet hekk:*

    "Mill-istħarriġ <u>prima facie</u> tal-fatti kif esposti quddiemha, ma jidher illi ebda minn dawn l-erba' ċirkostanzi ma jirriżultaw, u għalhekk it-talba għall-ħlas tal-penali kif redatta mir-rikorrenti fil-konfront tal-intimat ma tistax tiġi kkunsidrata favorevolment." *(sottolinear ta' din il-Qorti).*

31. *Stħarriġ* prima facie *tal-fatti jirrikjedi biss eżami jekk is-sekwestrant għandux mal-ewwel daqqa t'għajn bażi ta' pretensjoni, indipendentement jekk dik il-pretensjoni hix fondata jew le fil-meritu, għaliex il-meritu jkun għad irid jiġi investigat fid-dettall u fuq livell ta' prova fuq bażi tal-probabbilità fil-kawża proprja bejn il-partijiet. Għalhekk stħarriġ fuq bażi* prima facie *jikkostitwixxi dejjem proċedura preliminari, fejn il-livell tal-prova meħtieġ huwa inqas minn dak tal-probabbli kif rikjest f'kawża ċivili li jiddeterminaw il-meritu b'mod definittiv. (fn. 25: ara* ***Joseph Camilleri et vs Anthony Gove et*** *deċiża fl-10 ta' Mejju, 2001 mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (Per Imħallef Raymond C. Pace).*

32. *Min-naħa l-oħra hu magħruf ukoll fil-ġurisprudenza illi min-natura tagħha eċċezzjoni ta'* res judicata *teħtieġ li jkun hemm sentenza finali fil-meritu, u illi in oltre huwa meħtieġ li bejn dik is-sentenza finali u l-proċeduri pendenti jikkonkorru tlett elementi, cioe'* eadem res, eadem causa petendi *u* eadem personae*. Sentenza finali fil-meritu fil-kamp ċivili teżiġi li l-meritu bejn il-partijiet jiġi deċiż b'mod definittiv fuq bażi ta' probabbilità ta' provi.*

33. *Fiż-żewġ provvedimenti tad-9 ta' Marzu, 2017, il-kwistjonijiet bejn il-partijiet ma ġewx deċiżi b'mod definittiv fuq bażi ta' probabbilità, iżda kif diġà ingħad,*

*wara eżami tal-kwistjonijiet fuq bażi* prima facie*, kif korrettement kellha tagħmel din il-Qorti diversament preseduta f'dawk il-proċeduri. Fil-provvediment* ***Visa Investment Ltd vs Blye Engineering Ltd*** *mogħti fis-7 ta' Frar, 2001, li kien ukoll jittratta talba għal revoka ta' mandat kawtelatorju u ħlas ta' danni u penali, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (fn. 26: Per Imħallef Raymond Pace) irriteniet hekk:*

"Illi mela allura l-eżami li trid tagħmel din il-Qorti huwa dak biss ta' prima facie, u dan għaliex il-mertu kollu jiġi investigat fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' proċedura preliminari, li għad qed tistenna l-eżitu finali tal-kawża proprja."

34. *Hu wkoll ben stabbilit fil-ġurisprudenza li indaġni fuq bażi* prima facie *bl-ebda mod ma tinfluwixxi fuq il-mertu tal-vertenza bejn il-partijiet. Fis-sentenza* ***Dr Ann Fenech nomine vs is-soċjetà estera Jebmed SRL*** *deċiża fit-12 ta' Jannar, 2023, il-Qorti tal-Appell irriteniet hekk:*

"Hi x'inhi n-natura tad-digrieti, jibqa' l-fatt li dawn ingħataw fi proċeduri sommarji u fuq bażi prima facie, u ma jorbtux idejn il-Qorti fi proċeduri fil-mertu. Il-ġudikat hu ammissibbli meta jkun hemm sentenza definittiva fil-mertu, u f'dan il-każ dan ma jirriżultax. Din il-Qorti lanqas hi obbligata taddota l-istess ħsieb adoperat fl-għoti tad-digrieti, għax fil-konsiderazzjonijiet tagħha tal-mertu, din il-Qorti hi libera li tikkonsidra l-każ ex novo u tasal għall-konklużjonijiet tagħha."

35. *F'din is-sentenza il-Qorti tal-Appell kienet qed tiddeċiedi fuq eċċezzjoni ta'* res judicata*, għax kien hemm digriet fi proċeduri sommarji taħt l-Artikolu 281 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili – li jittratta talba għal revoka ta' mandat eżekuttiv. Fl-opinjoni konsiderata ta' din il-Qorti l-istess raġunament huwa applikabbli fil-każ odjern, stante li l-proċeduri taħt l-Artikolu 836 għal revoka ta' mandat kawtelatorju meta l-proċeduri fil-meritu jkunu għadhom pendenti ma twassalx għall-eżami* funditus *tal-materja. Tali proċeduri huma ta' natura preliminari intiżi biex jitħassar mandat kawtelatorju u jekk ikun il-każ tiġi imposta penali u jkun hemm kundanna għall-ħlas tad-danni a bażi ta' apprezzament ta' provi fuq bażi* prima facie*. Tali proċeduri mhux intiżi sabiex tiġi determinat b'mod definittiv u fuq bażi ta' probabbilità l-kwistjoni jekk il-mandat kawtelatorju intalabx b'mod abbużiv jew le, stante li dan l-eżerċizzju jista' jsir biss wara li l-proċeduri fil-meritu bejn il-partijiet ikunu ġew terminati. Fil-fatt, kif diġà ngħad, fil-provvedimenti tagħha tad-9 ta' Marzu, 2017, din il-Qorti*

*diversament preseduta għamlitha ċara diversi drabi li eżami li hija għamlet kien wieħed limitat għal eżami fuq bażi* prima facie*, kif inhi obbligata tagħmel f'dawk il-proċeduri, ladarba l-kawża fil-meritu kienet għadha pendenti bejn il-partijiet.*

36. *Għalhekk il-fatt li din il-Qorti diversament preseduta waslet għall-konklużjoni li* prima facie *l-konvenut kellu dritt jikkawtela ruħhu billi joħroġ il-mandat ta' sekwestru in kwistjoni u għalhekk ma kienx hemm lok li tiġi imposta penali, ma tikkostitwixxix deċiżjoni fil-meritu b'mod definittiv li l-konvenut m'aġixxiex b'mod malizzjuż, frivolu u vessatorju meta talab il-ħruġ tal-mandati. Konsegwentement iż-żewġ provvedimenti tad-9 ta' Marzu, 2017 ma jikkostwixxux ostakolu li l-atturi qua eredi ta' Daphne Caruana Galizia jirriproponu l-istess talbiet f'dawn il-proċeduri, la darba l-proċeduri ta' appell pendenti bejn il-partijiet issa ġew terminati. Naturalment il-konklużjonijiet f'dawn iż-żewġ provvedimenti lanqas jorbtu idejn din il-Qorti, li issa trid tikkonsidra l-każ ex novo fil-mertu.*

37. *Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq esposti, anke din l-eċċezzjoni tar-*res judicata *qed tiġi miċħuda.*

<u>*Ir-Raba' Eċċezzjoni – In-Nuqqas tal-Interess Ġuridiku tal-Atturi*</u>

38. *Fir-raba' eċċezzjoni tiegħu, il-konvenut talab li l-atturi kollha jippruvaw l-interess ġuridiku tagħhom biex jipproċedu b'din l-azzjoni fil-kwalità premessa minnhom bħala eredi ab intestato ta' Daphne Caruana Galizia.*

39. *L-atturi ppreżentaw nota li magħha annettew iċ-ċertifikat tal-mewt u r-riċerki testamentarji ta' Daphne Caruana Galizia. (fn. 27: ara fol. 24 tal-proċess). Mir-riċerki testamentarji jirriżulta li Daphne Caruana Galizia mietet intestata. Fl-affidavit tiegħu, l-attur Dottor Peter Caruana Galizia jgħid li hu u martu Daphne Caruana Galizia, kellhom tlett itfal, u ċioe t-tliet atturi l-oħra. (fn. 28: ara fol. 29 tal-proċess). Għalhekk l-atturi jissottomettu li huma lkoll eredi ta' Daphne Caruana Galizia a tenur tal-Artikolu 808 tal-Kodiċi Ċivili li jippreskrivi hekk:*

"(1) Meta l-mejjet iħalli warajh tfal jew dixxendenti tagħhom u lil martu jew żewġha, il-wirt jgħaddi nofs għat-tfal u d-dixxendenti l-oħra u n-nofs l-ieħor għal martu jew żewġha."

40. *Dawn l-istess dokumenti kollha ġew ippreżentati fil-kawżi tal-libell in kwistjoni abbażi tagħhom l-atturi kienu, mingħajr ebda oġġezzjoni tal-konvenut (dak inhar attur), assumew l-atti minflok Daphne Caruana Galizia.*

41. *Il-konvenut ma kkontestax dawn id-dokumenti u s-sottomissjonijiet tal-atturi. In oltre fit-trattazzjoni orali, l-abbli difensur tal-konvenut qal li din il-kwistjoni tal-interess ġuridiku ġiet sorvolata bil-fatt illi l-atturi assiguraw lill-Qorti li huma l-eredi ta' Daphne Caaruana Galizia.*

42. *Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet premessi, il-Qorti tqis li l-atturi ippruvaw l-interess ġuridiku tagħhom f'dawn il-proċeduri bħala eredi ta' Daphne Caruana Galizia u għalhekk din l-eċċezzjoni qed tiġi miċħuda.*

*Il-Meritu*

43. *Il-ħames u l-aħħar eċċezzjoni tal-konvenut hija fil-meritu, u li fiha qed jissottometti li t-talbiet attriċi huma legalment u fattwalment infondati billi mhuwiex minnu li meta ġew preżentati l-kawżi u l-mandati in kwistjoni, huwa aġixxa b'mod malizzjuż, frivolu jew vessatorju fit-termini tas-subartikolu tmienja (8) tal-Artikolu 836 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili.*

44. *Min-naħa l-oħra l-atturi qed jissottomettu illi mill-atti jirriżulta li l-konvenut ċeda ż-żewġ kawżi ta' libell fl-4 ta' Ottubru, 2018, u dan mingħajr ma ressaq ebda prova biex jissostanzja t-talba tiegħu għad-danni. Fl-opinjoni tagħhom jirriżulta* ictus oculi *illi persuna li titlob il-ħruġ ta' żewġ mandati kawtelatorji fuq kawżali ta' malafama u libell taħt il-Kap. 248 tal-Liġijiet ta' Malta (fn. 29: illum abrogat bl-Att XI tal-2018 u sostitwit bil-Kap. 579 tal-Liġijiet ta' Malta) għall-massimu tad-danni permessi mil-liġi (€11,646.47 kull madat), jippreżenta żewġ kawżi kontestwalment u jċedihom mingħajr ma jġib provi kważi wieħed u għoxrin (21) xahar wara, aġixxiet kjarament b'mod malizzjuż, frivolu u vessatorju għal kollox. Għaldaqstant huma qegħdin jitolbu l-impożizzjoni ta' penali u l-ħlas ta' danni ai termini tas-subinċiżi (8) u (9) tal-Artikolu 836 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili.*

45. *Is-sub-inċiżi (8) u (9) tal-Artikolu 836 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili jippreskrivu hekk:*

*"*(8) Il-qorti tista' tikkundanna lir-rikorrent li jkun inħareġ att kawtelatorju fuq talba tiegħu sabiex iħallas penali ta' mhux inqas minn elf mija u erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69) u mhux iżjed minn sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin Euro u tnax-il ċenteżmu (€6,988.12) li jmorru għand il-persuna li kontriha jkun inħareġ l-att kawtelatorju, f'kull każ minn dawn li ġejjin: …

(d) jekk it-talba tar-rikorrent tkun waħda li ssir b'malizzja, tkun frivola jew vessatorja;

(9) Fil-każijiet li jaqgħu taħt is-subartikolu ta' qabel dan, il-qorti tista', meta jsirilha rikors mill-persuna li kontriha jkun inħareġ l-att kawtelatorju, tikkundanna lir-rikorrent li fuq talba tiegħu jkun inħareġ il-mandat kawtelatorju sabiex iħallas dawk id-danni lil dik il-persuna li hija setgħet ġarrbet bil-ħruġ tal-mandat, u f'kawżi bħal dawk il-qorti għandha tara u tuża l-iskritturi tal-proċedimenti tal-att kawtelatorju u ta' kull proċediment ieħor li joħroġ jew jitnissel minnu, u dawk l-iskritturi għandhom jitqiesu bħala prova ammissibbli għall-finijiet ta' din l-azzjoni."

46. *Fis-sustanza l-azzjoni tentata mill-atturi tinvolvi analiżi tal-estensjoni tad-dritt ta' persuna li tadixxi lill-Qorti biex tirrivendika d-drittijiet tagħha kontra l-aġir tat-terz. Kif jirrileva* ***Baudry Lacantinerie*** *(fn. 30:* ***Trattato Teoretico Pratico di Diritto Civile – Delle Obbligazioni*** *Vol. IV paġ. 558): "…* (i) diritti non sono quasi mai assoluti; la maggior parte sono <u>limitate nella loro estensione</u> e sottoposti per il loro esercizio a <u>condizioni</u> diverse. Se si esce da questi limiti o se non si osservano queste condizioni, si agisce in realta senza diritto. Può dunque esservi <u>abbuso</u> nella Condotta degli uomini, ma ciò non avviene quando esercitano i loro diritti, bensi quando li <u>oltrepassano</u> … Fino a quando ci si contiene nei limiti del proprio diritto, si puo commettere <u>una colpa morale</u>, ma non <u>una colpa giuridica</u>." (*enfasi tal-ġurista). Konsegwentement, din l-azzjoni tinvolvi wkoll li jiġi determinat f'liema mument il-limiti ta' dan id-dritt ta' aċċess għall-qrati jiġi oltrepassat, għax dan l-aċċess ikun sar b'abbuż tas-sistema ġudizzjarja, u għalhekk jirrikorru l-estremi sabiex il-persuna li pprovokat il-proċeduri tiġi ikkundannata għall-ħlas tad-danni minnha kaġunati u/jew penali.*

47. *Il-ġurisprudenza tal-qrati Maltin fuq ir-responsabbilità għad-danni u/jew penali f'każ ta' azzjoni temerarja u/jew spedizzjoni ta' mandati kawtelatorji hija pjuttost kopjuża u konsistenti. (fn. 31: ara fost l-oħrajn* ***John Zarb vs Port Cottonera Limited*** *deċiża fit-18 ta' Settembru, 2002 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (per Imħallef Tonio Mallia) u s-sentenzi tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) (per Imħallef Philip Sciberras)* ***John Debono vs Gianna Cauchi et*** *deċiża fit-12 ta' Settembru, 2008 u* ***Ratan Mohnani vs Carmelo Stivala*** *deċiża fil-11 ta' Ġunju, 2010, u s-sentenzi fihom ċitati.) Il-konvenut iċċita diversi minnhom fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu. Però, l-iktar sentenza li tirrispekkja l-ħsieb ta' din il-Qorti kif preseduta hija s-sentenza* ***Jane Spiteri vs Nicholas Camilleri,*** *deċiża fl-10 ta' Jannar, 1992 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. (fn. 32 per Imħallef Joseph Said Pullicino). Għalkemm din is-sentenza ġiet deċiża qabel is-sostituzzjoni tal-Artikolu 836 bl-Att XXIV tal-1995, u l-emendi sussegwenti, fl-*

*opinjoni ta' din il-Qorti l-prinċipji fiha enunċjati u spjegati għadhom applikabbli sal-lum. Fil-fatt din is-sentenza ġiet invarjabbilment iċċitata fis-sentenzi li ngħataw wara dawn l-emendi, anke dawk l-iktar riċenti, u saret ukoll referenza għaliha fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut. F'din is-sentenza l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili irriaffermat is-segwenti prinċipji:*

"(i) .. (I)l-prinċipju fundamentali neċessarjament għandu jkun illi min jeżerċita dritt li jispetta lilu ma jistax jitqies li f'dan l-eżerċizzju jkun responsabbli għall-ħsara li bħala konsegwenza jista' jbati ħaddieħor. Qui suo iure utitur non videtur damnum facere. Hu ċar ukoll illi d-dritt għar-rikors għall-protezzjoni tal-Qorti, hu fost l-aqwa drittijiet li fl-eżerċizzju tiegħu miċ-ċittadin bl-ebda mod ma għandu jiġi mxekkel."

(ii) "Jinkombi fuq iċ-ċittadin però d-dover li ma jabbużax minn dan id-dritt u jekk jabbuża ikun ritenut responsabbli għad-danni provokati b'dan l-abbuż."

(iii) "Mill-banda l-oħra hu ċar ukoll illi l-fatt li t-talba ta' min ipprovoka l-proċeduri tiġi miċħuda mill-Qorti, bl-ebda mod ma jfisser neċessarjament li sar abbuż mid-dritt li tiġi adita l-Qorti. Hu biss f'każi eċċezzjonali li dan ikun il-każ. Dan għaliex għalkemm il-liġi hija oġġettivament waħda għal kulħadd, fl-istess ħin hi spiss tagħti lok għall-interpretazzjonijiet varji u soġġettivi li l-partijiet u s-soċjetà jafdaw fil-ġudikant biex jinterpreta u japplika. Hu ċar ukoll li bis-sentenza, neċessarjament parti trid tingħata raġun u l-oħra le, u allura din l-aħħar parti trid tissokkombi għall-ġudizzju. Imma jekk il-parti telliefa tinzerta li tkun l-attur, dan ma jfissirx neċessarjament illi hu jkun abbuża mid-dritt tiegħu li jadixxi lill-Qorti biex jitlob il-protezzjoni tad-drittijiet li, f'dak il-mument, hu jkun jippretendi li jispettaw lilu."

(iv) "Dan li ngħad japplika mhux biss għall-partijiet f'kawża, imma wkoll mutatis mutandis – u forsi anke aktar – għal min jużufruwixxi mill-proċeduri statutorji tal-mandati kawtelatorji biex jipproteġi preventivament l-interessi tiegħu skont il-liġi."

(v) "Il-Qrati wkoll jikkonsidraw f'liema ċirkostanzi tista' tkun ammissibbli azzjoni għad-danni, bħal dik tentata mill-attriċi, b'konsegwenza ta' ħruġ ta' mandati kawtelatorji. Hekk per eżempju fil-kawża "Falzon vs Scicluna" (Vol. XXVIII, P.III, pg. 1067) "*Di conseguenza … e pur sempre necessario che si dimostri esserci stato da parte dell'esercitante se non il dolo <u>almeno</u> la negligenza colposa. Cosi la Prim'Awla della Corte Civili di Sua Maestà, il 10 Aprile, 1890 (Collezioni Vol. VIII, pg. 434) in re 'Agius vs Dott. Carbone nomine*

*ebbe a ritenere che i danni e gli interessi non sono dovuti nel caso di spedizione di un mandato, se non si prova che egli abbia agito con negligenza, imprudenza o disattenzione (vedi anche decisione Appello 24 Marzo, 1873 in re Smith vs Crabbe). E tale principio venne anche recentemente ribadito dalla Corte di Appello in re "Delia vs Xuereb" il 9 Maggio, 1932 u il 7 Dicembre, 1931, in re Barbara vs Fleri" (ara wkoll Vol. XXVIIII. P. I. pg. 288) (fn. 33: Minn riċerka li għamlet din il-Qorti, is-sentenza riportata fil-Volum XXVIIII-I-288 hija effettivament is-sentenza* ***Carmelo Delia vs Giovanni Xuereb*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Mejju, 1932 u ġia ċċitata fl-istess sentenza* ***Falzon vs Scicluna*** *deċiża fis-16 ta' Frar, 1933 mill-Qorti tal-Kummerċ (per Imħallef E. Ganado) u riportata fil-Volum XXVIII-III-1067).*

Fil-kawża "Emmanuele Calleja vs Carmelo Grima et" (Vol. XXXIX, P.I, pg. 24) il-Qorti tal-Appell irribadiet dawn il-prinċipji wkoll fir-rigward tal-ħruġ ta' mandati ta' inibizzjoni … Ġie ritenut li "<u>Jekk fl-għemil ta' min jottjeni l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni ma jirrikorrix l-element ta' vessatorjetà</u>, min ottjena dak il-mandat mhux responsabbli għad-danni li jista' jsofri min issubixxi dak il-mandat."

(vi) L-element tal-vessatorjetà jimplika ċertu grad ta' kolpożità, ta' kattiverja … Element ta' vessatorjetà ikun jimplika abbuż tad-dritt ta' azzjoni ġudizzjarja.

*"Il diritto cessa dove comincia l'abbuso … Riteniamo che basta, per proteggere tutti l'interessi che ne sono degni, per dare una base giuridica alle diverse decisioni che provocano i bisogni della società, di aderire al concetto generali che tutti I diritto hanno dei limiti.*

*<u>Applichiamo la nostra proposizione al diritto di chiamare in giudizio</u>. Secondo una giurisprudenza costante, se chi sostiene un giudizio, come attore o come convenuto, <u>agisce in mala fede od in seguito ad un grossolano errore, può essere condannato a pagare un'indemnita al suo avversario …</u> (Baudry Lacantinerie L. Barde – Trattato Prattico di Diritto Civile – Delle Obligazioni – Vol. IV p. 560 et seq). (enfasi tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili)*

48. *Fis-sentenza* ***John Zarb vs Port Cottonera Limited*** *deċiża fit-18 ta' Settembru, 2002 – li kienet* inter alia *tikkonċerna talba għall-impożizzjoni tal-penali u kundanna għad-danni taħt l-Artikolu 836(8) u (9) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili – il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Fn. 34: per Imħallef Tonio Mallia) irriteniet hekk:*

"Mill-premess, m'għandux ikun hemm dubbju li l-penali jistgħu jkunu dovuti biss jekk tirriżulta xi waħda jew aktar mill-ipotestijiet kontemplati fl-artikolu 836(8). Dwar ir-responsabbilità għad-danni, però, mhux daqshekk ċar jekk din ir-responsabbilità tirriżultax biss f'każ li jissostitwixxi l-każijiet kontemplati fl-imsemmi sub-artikolu (8), jew tistax tirriżulta wkoll f'ċirkostanzi oħra mhux kontemplati f'dan is-sub-artikolu …

Din il-Qorti, għalhekk, fil-waqt Ii tista' taqbel li ċ-ċirkostanzi ta' meta min ikun ħareġ mandat kawtelatorju jista' jinstab responsabbli għad-danni, mhux limitati għal dak provdut fl-artikolu 836(8) tal-Kap. 12, tħoss li r-responsabbilità trid toħroġ mill-applikazzjoni tal-artikolu 1031 u 1032 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16), b'mod li jkun responsabbli biss jekk jaġixxi b'imprudenza, b'negliġenza jew mhux bil-ħsieb ta' bonus pater familias."

49. *Il-Qorti issa ser tgħaddi biex tapplika dawn il-prinċipji legali għall-fatti tal-każ odjern.*

50. *Mill-provi in atti jirriżulta li l-konvenut huwa avukat prattikanti u kien jagħmel ukoll xogħol bħala konsulent fil-Ministeru tal-Ekonomija, Investimenti u Negozji Żgħar. F'din il-vesti, fit-30 u l-31 ta' Jannar, 2017, huwa attenda konferenza fil-Ġermanja, flimkien mal-Ministru Dottor Christian (sive Chris) Cardona. Dak in-nhar stess, Daphne Caruana Galizia, fuq il-blog tagħha ippostjat diversi artikoli fejn allegat li l-attur u l-Ministru Dottor Cardona kemm fit-30 ta' Jannar kemm fil-31 ta' Jannar, 2017, marru f'burdell f'lokalita viċin fejn dik li fiha kienet qed issir il-konferenza, u kellhom x'jaqsmu sesswalment ma' prostituta, kemm separatament kemm bejn tlieta, huma flimkien mal-prostituta.*

51. *Peress li l-konvenut ħass ruħhu malafamat b'żewġ artikoli partikolari li ġew ippostjati, huwa ippreżenta żewġ kawżi ta' libell kontra Daphne Caruana Galizia, u kontestwalment ippreżenta żewġ mandati kawtelatorji għall-massimu tad-danni permessi mil-liġi (€11,646.47 kull mandat).*

52. *Daphne Caruna Galizia eċċepiet li l-pubblikazzjonijiet kienu jikkontjenu kummenti li jammontaw għal* fair comment *bażati fuq fatti li huma sostanzjalment korretti u għalhekk mhux libellużi.*

53. *Skont il-liġi ta' proċedura ċivili, kienu jinkombi fuq il-konvenut (attur f'dawk il-proċeduri) li jibda jressaq il-provi sabiex juri li l-pubblikazzjonijiet in kwistjoni kienu malfamanti fil-konfront tiegħu, u li saru bl-għan li jtellfu u jew inaqqsu r-reputazzjoni tiegħu. Kien biss wara li għalaq il-provi hu, li l-konvenuta Daphne*

*Caruana Galizia setgħet tressaq il-provi in sostenn tal-eċċezzjoni tagħha. Fil-fatt kif indikat fil-verbal tal-24 t'April 2017, l-avukat tal-konvenut (attur f'dawk il-proċeduri) kien għarref lill-Qorti li fis-seduta sussegwenti kellu jibda jressaq il-provi tiegħu billi jagħmel domandi lill-konvenuta Daphne Caruana Galizia.*

54. *Fis-seduti ta' wara ġie trattat u deċiż rikors ta' Daphne Caruana Galizia sabiex tiġi preservata l-*geo-localisation data *relatata man-numri tal-*mobile *li kien juża l-konvenut. Għalhekk ma kienx possibbli għalih li jibda bil-provi tiegħu qabel is-seduta tat-23 ta' Ottubru, 2017 meta mill-atti jirriżulta li kien bi ħsiebu jagħmel xi domandi lil Daphne Caruana Galizia.*

55. *Ftit ġranet qabel din is-seduta, u ċioe fis-16 t'Ottubru, 2017, Daphne Caruana Galizia ġiet maqtula, u kien minn din id-data 'l quddiem li l-proċeduri ta' libell li istitwixxa l-konvenut staġnaw, u effettivament ġew ċeduti minnu b'nota tat-2 ta' Ottubru, 2018, mingħajr ma ressaq provi.*

56. *Huwa minnu li wara l-qtil ta' Daphne Caruana Galizia, il-konvenut ma setax iressaq il-provi qabel jiġu leġittimati l-atti, u dawn ġew leġittimati b'digriet tal-11 ta' Jannar, 2018. Il-Qorti tifhem ukoll li wara l-qtil, il-konvenut kellu bżonn jirregola ruħhu biex jara jekk hux ser ikompli bil-kawżi jew le. Però, it-tliet xhur li għaddew mid-data tal-qtil sad-data li fiha ġew leġittimati l-atti kien altru milli suffiċjenti sabiex jippermettu lill-konvenut jirregola ruħhu. Mill-atti jirriżulta li kien hemm persuni li kienu intavolaw kawżi ta' libell kontra Daphne Caruana Galizia, u ċedewhom ftit ġranet jew ġimgħat wara l-mewt tagħha. Il-konvenut għażel li ma jċedix il-kawżi mill-ewwel, iżda minkejja li wara d-digriet tal-leġittimazzjoni tal-atti inżammu erba' (4) seduti għall-provi tal-konvenut (fn. 35: dawn is-seduti nżammu fit-18 ta' Jannar, 2018, fil-5 ta' Marzu, 2018, fis-26 t'April, 2018 u fil-31 ta' Mejju, 2018), hu naqas li jressaq provi fil-meritu f'dawn is-seduti u sussegwentement ippreżenta n-nota ta' ċessjoni tiegħu fit-2 t'Ottubru, 2018.*

57. *Il-konvenut jagħti diversi raġunijiet għalfejn hu ma ressaqx provi fil-meritu u eventwalment ċeda l-kawżi ta' libell. Il-Qorti sejra tikkunsidra kull waħda mir-raġunijiet li ta l-konvenut biex jiġġustifika l-aġir tiegħu.*

58. *Fl-affidavit tiegħu, il-konvenut jgħid li hu ċeda l-kawżi ta' libell kontra l-atturi, l-eredi ta' Daphne Caruana Galizia, minħabba pressjoni pubblika kemm nazzjonali kif ukoll internazzjonali li kienet qed issir, kif ukoll minħabba il-fatt li hu ma ħassx il-bżonn li jkompli l-kawżi ta' libell kontra l-membri tal-familja tagħha. (fn. 36: ara fol. 71 tal-proċess) In sostenn ta' dan huwa eżebixxa żewġ artikoli. L-ewwel wieħed hu intitolat* "Libel suits made my mother's life

absolutely impossible – Caruana Galizia" *ippubblikat fuq is-sit elettroniku The Shift. Mid-dokument ippreżentat ma tirriżultax id-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-artikolu – però hu ovvju mill-kontenut tiegħu li dan l-artikolu seta' biss ġie ippubblikat mill-25 ta' Frar, 2020 'il quddiem, stante li jikkontjeni ċitazzjonijiet minn siti elettroniċi ta' entitajiet diversi li d-dati tagħhom ikopru l-perijodu mit-23 sal-25 ta' Frar, 2020. (fn. 37: ara fol. 130 tal-proċess). It-tieni artikolu ippreżentat mill-konvenut huwa intitolat* "Malta urged to drop libel cases against murdered journalist Daphne Caruana Galizia" *u ġie ippubblikat fl-20 ta' Settembru, 2019 fuq is-sit elettroniku* Euronews.com *(fn. 38: ara fol. 134 tal-proċess). Il-Qorti tirrileva li l-konvenut ippreżenta n-noti ta' ċessjoni fit-2 t'Ottubru, 2018, u għaldaqstant, dawn l-artikoli li eżebixxa ġew ippubblikati xhur twal wara li huwa ċeda l-kawżi, u ċertament ma kellhom l-ebda influwenza fuq id-deċiżjoni tiegħu li jċedi l-kawżi ta' libell.*

59. *Il-konvenut ippreżenta artikolu ieħor ippubblikat mis-sit elettroniku* Maltatoday *fil-5 ta' Marzu, 2018, intitolat* "Update 2/Lawyer to minister's aide says request to drop brothel libel case came from Peter Caruana Galizia." *(fn. 39: ara fol. 141 tal-proċess) F'dan l-artikolu jirrapporta li l-atturi bħala eredi ta' Daphne Caruana Galizia ħarġu stqarrija fejn qalu hekk:*

"With reference to the various media reports relating to the vexatious libel suits filed by Minister Christian Cardona and his policy aide Joseph Gerada against Daphne Caruana Galizia, her husband and sons as heirs restate their position that they do not on any condition wish the cases to be withdrawn. This is in line with the family's position, based on the clear and overwhelming public interest, that the cases should proceed and that mobile phone location file data currently held in the magistrate's court files should be presented as evidence in open court.*"*

60. *Għalkemm il-konvenut jallega li kien l-attur Dottor Peter Caruana Galizia li avviċina lill-avukat tiegħu (Cioe tal-konvenut) u talbu jċedi dawn il-libelli – allegazzjoni li ġiet miċħuda minn Dottor Peter Caruana Galizia fix-xhieda tieghu f'dawn il-proċeduri (fn. 40: ara xhieda tal-Avukat Peter Caruana Galizia mogħtija fis-26 t'April, 2018 fl-atti tal-proċeduri 31/17 FDP u 32/17 FDP, esebiti bħala Dok. ES1 u Dok. ES2) - jibqa' l-fatt li minn dan l-artikolu tal-*Maltatoday *jirriżulta ċar li l-pożizzjoni uffiċjali tal-atturi kienet li ma ridux li l-konvenut iċedi dawn iż-żewġ libelli partikolari, u dan sabiex il-*geo-localisation data *tal-*mobile *tiegħu, li diġa kienet ġiet preservata b'digriet tal-Qorti, setgħet tiġi ppreżentata fil-proċeduri ta' libell, u din id-data setgħet titfa' dawl fuq jekk il-*

*konvenut kienx verament mar fil-burdell fid-dati u l-ħinijiet indikati minn Daphne Caruana Galizia. Din l-informazzjoni, ġia preservata, kienet tintilef irrimedjalment jekk il-kawżi ta' libell jiġu ċeduti.*

61. *Konsegwentement, għalkemm huwa fatt magħruf – u li l-Qorti tista' tieħu* judicial cognisance *tiegħu* ex officio – *li wara l-qtil tagħha, kien hemm pressjoni fil-media, u anke entitajiet nazzjonali u internazzjonali, sabiex il-kawżi ta' libell kontra Daphne Caruana Galizia jiġu ċeduti, jidher mill-provi prodotti mill-konvenut stess li din il-pressjoni ma kinitx testendi għaż-żewġ libelli intavolati minnu u* del resto *lanqas għal dawk intavolati mill-Ministru Dottor Christian Cardona, li kellhom meritu identiku, u li l-atturi espressament iddikjaraw pubblikament li ma ridux li jiġu ċeduti, għar-raġunijiet minnhom mogħtija fl-istqarrija tagħhom.*

62. *Il-Qorti tirrileva li l-konvenut ċeda dawn il-kawzi sena wara li l-qtil ta' Daphne Caruana Galizia. Kieku verament il-konvenut ma riedx ikompli l-kawżi kontra l-familja tagħha, huwa kien iċedi l-kawżi ftit ġranet jew l-iktar ġimghat wara, u mhux kważi sena wara. Huwa rilevanti f'dan il-kuntest li jiġi osservat li fl-24 t'Ottubru, 2017 – u ċioe tmint (8) ijiem wara l-qtil - il-konvenut ippreżenta żewġ rikorsi fejn talab il-ħruġ tal-kontromandati relattivi* "sabiex il-familjari tal-intimata defunta jkunu jistgħu liberalment jiżbankaw l-ammonti depożitati". *(fn. 41: ara l-kontromandat numru 2027/17 a fol. 42 tal-proċess u Dok.D5 a fol. 115 tal-proċess). Apparti l-kwistjoni li din it-talba saret b'mod proċeduralment skorrett u għalhekk ma setgħetx tiġi milqugħa, minn dan il-fatt jirriżulta b'mod ċar li l-konvenut ried biss jeħles lill-familja ta' Daphne Caruana Galizia mill-effetti tal-mandati ta' sekwestru, u mhux iċedi wkoll il-kawżi ta' libell, għax li kieku kien iċedihom ukoll fl-24 t'Ottubru, 2017.*

63. *Il-konvenut xehed li raġuni oħra għalfejn ċeda l-kawżi hija li fil-kawżi ta' libell li saru mill-Ministru Dottor Christian Cardona, l-atturi kienu talbu li jinħelsu mill-osservanza tal-ġudizzju, stante li l-Ministru ma kienx qed jattendi għas-seduti. Jgħid li meta huwa kellem lill-Ministru Dottor Cardona, dan tal-aħħar qallu li ma kienx fadallu interess ikompli l-kawżi kontra l-familja ta' Daphne Caruana Galizia, speċjalment la ma jridux jieħdu responsabbilita, u għalhekk ma kellux interess li jitlob li l-kawżi jerġgħu jitqiegħdu fuq il-lista. Il-konvenut jgħid li ma xtaqx ikompli l-kawżi waħdu speċjalment la ma kellux dak li huwa sejjaħ* "interess kontra l-familja" *ta' Daphne Caruana Galizia. (fn. 42: ara fol. 124-125 tal-proċess)*

64. *Frankament, din il-Qorti ma tistax tifhem dan ir-raġunament tal-konvenut. Jekk verament, il-konvenut ħassu malafamat bil-pubblikazzjonijiet in kwistjonijiet, u li skont hu għamlulu ħafna ħsara fuq livell personali u professjonali, u ried jirrivendika r-reputazzjoni tiegħu - kif kellu kull dritt li jagħmel - allura l-loġika kienet tiddetta li indipendentement minn dak li iddeċieda li jagħmel il-Ministru Dottor Cardona għar-raġunijiet personali tiegħu - huwa jkompli bil-kawżi biex tal-inqas jagħti fil-Qorti l-verżjoni tiegħu tal-fatti. Effettivament, fl-affidavit tiegħu stess f'dawn il-proċeduri, il-konvenut jikkummenta hekk:* "Tajjeb li ntenni li l-blogs kollha fejn jien ġejt malfamat għadhom qegħdin online sallum u kull min ifittex fuq ismi jitilgħulu dawn l-artikoli malafamanti". *(fn. 43: ara fol. 71 tal-proċess) Ladarba dan hu l-każ, kien aktar impellenti għalih, anke in vista tal-professjoni tiegħu, li jressaq provi in sostenn tal-verżjoni tiegħu tal-fatti. Dan sabiex mhux biss il-Qorti, imma anke l-pubbliku – u dan kien każ li għal raġunijiet ovvji qajjem interess pubbliku kbir u kien qed jigi segwit skrupolożament mill-media – jisma' żewġ qniepen – dik ippublikata minn Daphne Caruana Galizia, u l-verżjoni tiegħu. Kif seħħew il-fatti, il-konvenut ċeda l-kawżi mingħajr ma lanqas biss ta l-verżjoni tiegħu tal-fatti quddiem il-Qorti, li kienet qed tisma' l-kawżi ta' libell.*

65. *In kontro-eżami, il-konvenut qal li raġuni oħra għalfejn iddeċieda li jċedi l-kawża kienet għaliex il-kawżi ta' libell ma kinux qegħdin jimxu 'l quddiem 'għax anke meta bdejna nitolbu x-xhieda biex jitilgħu ma bdew jitilghu x-xhieda min-naħa tagħkom" (fn. 44: ara fol. 97 tal-proċess). Huwa spjega li meta talab biex jixhdu l-familja ta' Daphne Caruana Galizia, huma irrifjutaw li jagħmlu dan. (fn. 45: ara fol. 127 tal-proċess). Huwa jgħid ukoll li jiftakar li kien hemm problema sabiex Daphne Caruana Galizia tiġi notifikata bil-kawżi ta' libell. (fn. 46: ara fol. 98 tal-proċess). Dawn l-asserzjonijiet tal-konvenut ħallew lill-Qorti pjuttost perplessa għax assolutament ma jirriżultawx mill-atti tal-proċessi ta' libell. Fl-ewwel lok, il-kawżi ta' libell ġew ippreżentati fis-7 ta' Frar, 2017 u l-konvenuta ġiet notifikata bihom mal-ewwel attentat ta' notifika li sar fit-23 ta' Frar, 2017. (fn. 47: ara l-atti tal-proċeduri 31/17 FDP u32/17 FDP fl-ismijiet Av. Dr Joseph Gerada vs Daphne Anne Caruana Galizia allegati mal-atti odjerni u mmarkati bħala Dok. ES1 u ES2). Mill-atti tal-kawżi ta' libell jirriżulta wkoll li l-Dottor Peter Caruana Galizia xehed fis-26 t'April, 2018 fuq talba tal-konvenut, u dan minkejja li lanqas jirriżulta mill-atti li kien inġunt biex jagħmel dan. Susssegwentement fis-seduta tal-31 ta' Mejju 2018, il-konvenut (attur f'dawk il-proċeduri) ippreżenta Kapitolu fil-konfront ta' Matthew, Andrew u Paul aħwa Caruana Galizia, u l-avukat difensur tagħhom f'dawk il-proċeduri informa lill-*

*Qorti li dawn it-tliet persuni ma kinux jinsabu Malta, u kienet ser issir nota sabiex Dottor Peter Caruana Galizia jassumi l-atti fl-assenza tagħhom. Dak in-nhar il-kawża ġiet differita għall-4 ta' Ottubru, 2018 għal diversi raġunijiet fosthom* "okkorrendo għas-subizzjoni". *Din in-nota ġiet ippreżentata minn Dottor Peter Caruana Galizia fil-mori tad-differiment, u ċioe fil-11 ta' Settembru, 2018. Billi l-konvenut ippreżenta n-noti ta' ċessjoni tiegħu fit-2 ta' Ottubru, 2018, il-kwistjoni tas-subizzjoni tal-aħwa Caruana Galizia ġiet surpassata, qabel is-seduta tal-4 t'Ottubru, 2018. Dawn kienu l-uniċi erba' xhieda li l-konvenut talab li jitilgħu jixhdu fil-kawżi ta' libell, u ċertament huwa fattwalment skorrett li jingħad li l-membri tal-familja Caruana Galizia ma bdewx jitilgħu jixhdu meta mitluba biex jagħmlu dan. Għaldaqstant, din ċertament ma kinitx waħda mir-raġunijiet għalfejn il-kawżi ta' libell ma kinux qed jimxu 'l quddiem.*

66. *Il-konvenut jgħid li raġuni oħra li għalfejn ċeda l-kawżi kienet li skont hu l-atturi għażlu li ma jerfgħux ir-responsabbilita ta' dak li kienet kitbet Daphne Caruana Galizia, u in sostenn ta' dan jirreferi għax-xhieda tal-attur Dottor Peter Caruana Galizia fil-proċeduri ta' libell fis-seduta tas-26 t'April, 2018. In suċċint f'din is-seduta, l-Avukat Caruana Galizia qal li ma setax jagħmel l-allegazzjonijiet in kwistjoni tiegħu għax ma kienx qalhom hu, imma kien qed jassumi li martu kellha raġun tgħid dak li qalet, u għalhekk sostna li* "jien se nibqa' niddifendihom." Ai termini *tal-Artikolu 806 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, werriet ta' parti f'kawża jista' jitlob li* "l-atti tal-kawża jgħaddu fil-persuna tiegħu, sabiex jissokta l-kawża minflok il-parti mejta." *Dan hu preċiżament dak li għamlu l-atturi fil-kawżi ta' libell, u konsegwentement huma assumew l-atti bil-kontenut tagħhom sa dak in-nhar, u obbligaw ruħhom li jissoktaw il-kawżi minflok il-konvenuta Daphne Caruana Galizia. F'dan is-sens huma assumew l-istess responsabbilita legali fil-kawżi ta' libell li kellha Daphne Caruana Galizia, għax daħlu fiż-żarbun tagħha bhala konvenuti. Din il-Qorti ma tara xejn li għandu jiġi ċensurat fl-aġir tal-atturi, u lanqas tara għalfejn din il-pożizzjoni tagħhom kellha b'xi mod tkun ta' ostakolu għalfejn il-konvenut ma setax iressaq il-provi tiegħu fil-kawżi ta' libell.*

67. *Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, il-konvenut jagħti raġuni oħra għalfejn ma setax iressaq il-provi. Huwa jgħid* inter alia *hekk:*

"Kif jistgħu jippretendu l-atturi li qed jgħidu huma stess li ma kellhom l-ebda fatti fuqiex jixhdu fil-kawżi tal-libell istitwiti mill-esponenti wara li Daphne Caruana Galizia kienet inqatlet, illi allura jkun l-esponenti li jġib tali provi bħalli

kieku s-sorsi li jirreferu għalihom l-atturi li kienu estranji ghalihom ma kinux ukoll estranei għall-esponent." *(fn. 48: ara fol. 161 tal-proċess)*

*Dan l-argument tal-konvenut huwa wieħed legalment* non sequitur*. Il-fatt li l-atturi qalu li huma estranji għas-sorsi li kellha Daphne Caruana Galizia, ma kien tal-ebda xkiel għalih bħala attur li jressaq il-provi tiegħu sabiex jissostanzja li dak allegat fuqu kien inveritier. Il-Qorti tibda biex tirrileva li huwa dubbjuż ħafna kemm huwa seta' jistrieħ fuq is-sorsi li kellha Daphne Caruana Galizia, stante li* ai termini *tal-Att dwar l-Istampa (fn. 49: Kap. 248 tal-Liġijiet ta' Malta, abrogate bl-Att XI tal-2018) kif interpretat fid-dawl tad-dritt tal-espressjoni taħt il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, hija ma kinitx obbligata tiżvela dawn is-sorsi, ħlief f'każijiet eċċezzjonali kontemplati mill-istess liġi. (fn. 50: ara d-digriet* ***Lindsey Gambin vs Daphne Caruana Galizia*** *mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) (per Maġistrat Francesco Depasquale) fis-17 ta' Marzu, 2016. Però apparti dan u fi kwalunkwe każ, kien il-konvenut li kien qed jallega li l-pubblikazzjonijiet kienu malfamanti fil-konfront tiegħu, u għalhekk fl-ewwel lok kien hu, bħala attur f'dawk il-proċeduri, li kellu l-oneru legali li jressaq il-provi sabiex juri u jispjega għalfejn dawn kienu malfamanti fil-konfront tiegħu – fi kliem ieħor li jressaq provi biex juri li hu ma kienx fil-burdell fid-dati u l-ħinijiet rilevanti. Wara li konvenut (bħala attur f'dawk il-proċeduri) jagħlaq il-provi tiegħu, l-atturi bħala eredi tal-konvenuta Daphne Caruana Galizia, kien ikollhom il-fakoltà li jressqu l-provi sabiex juru li l-pubblikazzjonijiet kienu jikkostitwixxu* fair comment *fuq fatti sostanzjalment korretti.*

68. *Fid-dawl tas-suespost, is-sottomissjoni tal-konvenut fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu li matul it-trattazzjoni ta' libelli, Daphne Caruana Galizia ma ġabet l-ebda prova sabiex issaħħaħ jew tipprova l-allegazzjonijiet tagħha, (fn. 51: ara fol. 161 tal-proċess, paragrafu 28) hija waħda disinġenjuża. Bħala konvenuta, id-dritt tagħha li tressaq il-provi kien jiskatta wara li l-konvenut, (bħala attur f'dawk il-proċeduri) jagħlaq il-provi tiegħu. Fid-data li fiha l-konvenut ċeda l-kawżi, lanqas kien għadu ressaq prova waħda fil-meritu, aħseb u ara kemm kien iddikjara li ma kellux iżjed provi xi jressaq. Għaldaqstant, din il-Qorti ma tistax tifhem kif huwa qed jippretendi li l-konvenuta kellha tressaq il-provi tagħha, fl-istadju tal-provi tiegħu.*

69. *Effettivament jirriżulta mill-atti li fil-bidu tal-proċeduri ta' libell, Daphne Caruana Galizia kienet ħadet ħsieb li jiġu preservati provi li riedet tippreżenta fl-istadju tal-provi tagħha. Fil-fatt il-Qorti li kienet qed tisma' l-kawżi tal-libelli*

*kienet laqgħet it-talba tagħha sabiex tiġi preservata* geo-localisation data *tal-*mobiles *tal-konvenut – stante li din id-data tinżamm biss għal perijodu ta' sitt (6) xhur mill-operaturi tas-servizzi ta' telekomunikazzjoni – u dan sabiex hija tkun tista' eventwalment tressaq lil dawn l-operaturi biex jixhdu dwar din id-*data *fl-istadju tal-provi tagħha. Dan il-fatt jindika li Daphne Caruana Galizia kellha intenzjoni li tressaq provi in sostenn ta' dak minnha allegat, wara li l-konvenut (l-attur f'dawk il-proċeduri) jiddikjara l-istadju tal-provi tiegħu magħluq.*

70. *Din il-Qorti ma tistax tgħid l-istess għall-konvenut. Waqt il-kontro-eżami tiegħu f'dawn il-proċeduri, meta l-konvenut ġie mistoqsi jekk jaqbilx li hu ma kienx ressaq provi qabel ċeda l-kawżi, il-konvenut wieġeb hekk:* "F'dak l-istadju ma kellix għalfejn inressaq provi jiena jidhrili. Ħa ngħidlek jiena ma stajtx nipprova tajjeb? Xi ħaġa illi xi ħadd qed jgħid fuqi u jien qed ngħid li mhijiex vera. Kif ħa tippruvaha? Tajjeb? X'ngħid? "ma kontx hemmhekk". B'hekk nippruvaha jiena?" *Rigward il-fatt li huwa lanqas affidavit ma' kien għamel f'dawk il-kawżi, huwa wieġeb hekk* "Ma ħassejtx li kelli bżonn." *(fn. 52: ara fol. 97-98 tal-proċess). Il-Qorti tikkonfessa li ma hix kapaċi tifhem dan ir-raġunament tal-konvenut. Il-mistoqsija tiġi waħedha – jekk il-konvenut kien jaf li ma kienx f'posizzjoni li jressaq provi biex jismentixxi l-allegazzjonijiet li saru fuqu, għalfejn intavola l-kawżi ta' libell?*

71. *Il-Qorti tirrileva li l-Kodiċi Kriminali espressament jirrikonoxxi li x-xhieda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt, hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. (fn. 53: ara Artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali). Ladarba dan ir-regola hija applikabbli fil-kamp kriminali, l-istess regola hija applikabbli* a forteriori *fil-kamp ċivili, fejn il-livell tal-prova huwa inqas oneruż. Fit- trattazzjoni orali, l-abbli difensur tal-konvenut jgħid li l-atturi* "(q)att ma aċċettaw li l-ġurament tal-klijient tiegħi kien biżżejjed biex joqogħdu fuqu." *(fn. 54: ara fol. 173 tal-proċess) Fl-ewwel lok, il-Qorti tosserva li kif ammess mill-konvenut stess fix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri u kif jirriżulta mill-atti tal-kawżi ta' libell, il-konvenut qatt ma offra d-deposizzjoni tiegħu jew ippreżenta affidavit sabiex jispjega għaliex l-allegazzjonijiet fil-konfront tiegħu kienu foloz. Fit-tieni lok, jekk l-atturi jaċċettawx jew le d-dikjarazzjoni tal-konvenut bil-ġurament li l-allegazzjonijiet kienu foloz hija konsiderazzjoni għal kollox irrilevanti – dak li kien rilevanti kien jekk il-Qorti li kienet qed tisma' l-kawżi ta' libell taċċettax u temminx id-dikjarazzjoni ġuramentata tal-konvenut li l-allegazzjonijiet kienu inveritieri.*

72. *Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq esposti, din il-Qorti hija tal-fehma li ż-żewġ kawżi ta' libell intentati mill-konvenut kienu kawżi temerarji, meta fil-verità ma jirriżultax li kellu provi xi jressaq sabiex juri li hu ma kienx fil-burdell fid-dati u ħinijiet rilevanti. Il-fatt li huwa ċeda dawn il-kawżi mingħajr ma ressaq prova waħda, lanqas ix-xhieda tiegħu stess, sabiex jipprova l-malafama, meta kellu kull opportunità li jagħmel dan, hija prova ta' dan.*

73. *Però il-konvenut ma illimitax ruħhu biss li jistitwixxi żewġ kawżi ta' libell temerarji fuq l-istess meritu, imma talab kontestwalment il-ħruġ ta' żewġ mandati kawtelatorji għall-massimu tad-danni permessi mil-liġi (€11,646.47) kull wieħed. Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq esposti, fl-opinjoni konsiderata ta' din il-Qorti, il-konvenut għamel din it-talba b'ritaljazzjoni għax kien urtat b'dak li Daphne Caruana Galizia kitbet fuqu, u bl-iskop li jikkaġunalha l-ikbar dannu finanzjarju possibbli. Konsegwentement it-talba tal-ħruġ ta' dawn il-mandati saret b'malizzja u għal raġunijiet frivoli u vessatorji.*

74. Ex abbundantia*, il-Qorti tosserva ukoll li t-talba għal ħruġ ta' mandati kawtelatorji kontestwalment ma' kawżi ta' libell kienet waħda bla preċedent fl-istorja legali ta' Malta, stante tali talba tqajjem – kif fil-fatt għamlet it-talba tal-konvenut - kwistjonijiet dwar ir-rekwiżit tal-proporzjonalità fit-tgawdija tad-dritt fundamentali tal-espressjoni. Din il-Qorti hija moralment konvinta li l-konvenut kien jaf li b'din it-talba kien qed jaqbeż linja li sa dak in-nhar ħadd ma kien għadu azzarda jaqbeż, u għalhekk kien iktar impellenti għalih li ma jagħmilx dan, ladarba ma kienx* in buona fede *meta intavola l-kawżi ta' libell.*

75. *Għalkemm fil-provvedimenti tagħha tad-9 ta' Marzu, 2017, il-Qorti li kienet qed tisma' l-kawżi ta' libell irriteniet li l-konvenut kellu dritt fuq bażi* prima facie *li jitlob il-ħruġ tal-mandati kawtelatorji, mill-provi akkwiżiti f'dawn il-proċeduri jirriżulta ampjament li l-konvenut abbuża mis-sistema ġudizzjarja meta talab il-ħruġ ta' dawn il-mandati, stante li ż-żewġ kawżi ta' libelli minnu intavolati kienu t-tnejn temerarji, u* ex admissis *kien konsapevoli li ma kellux provi xi jressaq sabiex jikkontradiċi dak li Daphne Caruana Galizia allegat fuqu. Fil-fatt huwa ċedihom mingħajr ma ressaq prova waħda. Dan irendi l-aġir tiegħu iktar ċensurabbli, għaliex l-aġir tiegħu kien intiż ukoll li jkollu* a chilling effect *fuq il-libertà tal-espressjoni mhux biss ta' Daphne Caruana Galizia iżda tal-ġurnalisti kollha f'Malta. B'dan il-preċedent, il-ġurnalisti irrealizzaw għall-ewwel darba li dak li jippubblikaw – anke jekk ikunu ċerti li l-fatti jkunu veritieri – jista' jassoġġettahom għal problemi finanzjarji kbar, billi l-assi tagħhom jiġu iffriżati għal xhur u forsi snin, sakemm jiġu deċiżi l-kawżi ta' libell. Għall-kompletezza*

*jingħad li dan il-preċedent tant ikkrea disgwid li fl-2018 kien hemm intervent leġislattiv sabiex jiġi projbit il-ħruġ ta' mandati kawtelatorji ta' qbid u sekwestru kontestwalment ma' kawżi ta' libell. (fn. 55: L-Att XI tal-2018 żied is-subinċiż (6) għall-Artikolu 837 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili li jippreskrivi illi "*Ma jistgħux jinħarġu mandati kawtelatorji ta' qbid, ta' qbid fuq azjenda kummerċjali jew mandati ta' sekwestru biex jitqiegħdu fiż-żgur jeddijiet jew pretensjonijiet kontra xi persuna għal danni għal libell jew malafama oħra taħt xi liġi."

76. *Huwa sinifikanti ħafna li kif diġà ingħad ġimgħa wara l-qtil ta' Daphne Caruana Galizia, il-konvenut talab ir-revoka tal-mandati ta' sekwestru sabiex il-flus depożitati jkunu jistgħu jiġu żbankati mill-familjari tagħha. Ladarba f'dak l-istadju l-konvenut kien għad kellu l-intenzjoni li jkompli l-kawżi ta' libell, din it-talba loġikament ma tagħmilx sens. Li kieku vera l-konvenut talab il-ħruġ tal-mandati kawtelatorji għax beża' li jkun diffiċli jiġbor dak li jkun dovut lilu f'każ ta' sentenzi favur tiegħu, kif jgħid fl-affidavit tiegħu, (fn. 56: ara fol. 69 tal-proċess), kieku ċertament ma kienx jitlob ir-revoka tal-mandati u li flus depożitati jiġu żbankati mill-familjari, wara l-mewt tagħha. Dan għaliex jekk skont hu kien ċert li ser jirbaħ il-kawżi ta' libell, u kien qed jantiċipa għal diversi raġunijiet li semma hu li ser ikun diffiċli li eventwalment jiġbor flusu mingħand Daphne Caruana Galizia, ċertament kien ser ikun iktar diffiċli jiġbor il-flus mingħand l-eredi tagħha – għax issa minflok jiġbor il-flus mingħand persuna waħda, ried eventwalment idur fuq erba' persuni f'każ li jirbaħ il-kawżi. Din il-Qorti ma tara l-ebda raġuni valida għalfejn il-konvenut kellu jagħżel li jidħol f'dawn il-kumplikazzjonijiet fattwali u legali, meta kien ċert li ser jirbaħ il-kawżi u l-flus li setgħu jiġu dovuti lilu kienu diġà depożitati l-Qorti. Fil-fatt fix-xhieda tiegħu, il-konvenut kien evażiv ħafna għalfejn talab il-ħruġ ta' dawn il-kontro-mandati u jgħid hekk* "Ngħid ukoll illi xi ġranet wara illi mietet is-Sinjura Caruana Galizia, kien intalab biex jitwaqqgħu l-mandati. Kien hemm xi tip ta' konfużjoni niftakar dak iż-żmien għax diġà kienu tneħħew il-mandati jidhirli, fil-fatt ġiet ikkwotata din il-biċċa xogħol fil-gazzetti, meta qalu isma' intalbu biex jitwaqqgħu l-mandati, meta l-mandati ma kinux għadhom hemmhekk fir-realtà." *(fn. 57: ara fol. 125 tal-proċess). Però l-konvenut qatt ma spjega għalfejn ikkrea dak li hu stess sejjaħ* "konfużjoni".

77. *Fl-opinjoni kunsiderata ta' din il-Qorti, il-vera raġuni għalfejn il-konvenut talab ir-revoka tal-mandati wara l-qtil ta' Daphne Caruana Galizia kien għaliex kien konsapevoli li ż-żewġ kawżi ta' libell kienu temerarji, u li t-talba tal-ħruġ tal-mandati saret minnu għal raġunijiet abbużivi bħala ritaljazzjoni. Però ladarba*

*Daphne Caruana Galizia kienet inqatlet, huwa ma kellux raġuni għalfejn jivvessa lill-familjari tagħha.*

78. *Fl-affidavit tiegħu (fn. 58: ara fol. 102-105 tal-proċess) l-Avukat Dottor Peter Caruana Galizia spjega kif il-mara tiegħu kienet topera biss kont wieħed mal-HSBC Bank, u li dan il-kont kienet tużah kemm għal flus personali tagħha kif ukoll għal flus konċernanti l-professjoni tagħha. Iż-żewġ mandati ta' sekwestri mitluba mill-konvenut kif ukoll it-tnejn l-oħra mitluba fl-istess ġurnata mill-Ministru Dottor Christian Cardona inċidew gravament fuq il-likwidità finanzjarja tagħha f'mument meta kienet għadha kif iddepożitat fil-kont tagħha ammont sostanzjali ta' flus li irċeviet mingħand is-soċjeta Standards Publications Limited in konnessjoni max-xogħol tagħha ta' ġurnalista, u minnhom riedet thallas il-kredituri tagħha. Ovvjament konsegwenza ta' dawn il-mandati kawtelatorji, il-bank lanqas seta' jonera iċ-cheques li hija kienet laħqet ħarġet biex tħallas xi nies qabel saret taf bis-sekwestri.*

79. *Fis-7 ta' Frar, 2017, id-data tal-preżentata tas-sekwestri, Daphne Caruana Galizia kellha fil-kont tagħha l-ammont ta' €43,803.30, liema ammont il-bank kellu skont il-liġi bilfors jiddepożita fir-reġistru ta' din il-Qorti, fi żmien ħmistax-il ġurnata. Miċ-ċedola ta' depożitu jirriżulta li l-Bank żamm is-somma ta' €653.44 mill-flus ta' Daphne Caruana Galizia sabiex jagħmlu tajjeb għad-drittijiet u l-ispejjeż tal-istess depożitu. B'hekk il-bank iddepożita s-somma netta ta' €43,149.36* "sabiex din l-istess somma tiġi żbankata minn min għandu dritt għaliha skont il-liġi". *L-attur Dottor Peter Caruana Galizia kellu joħroġ il-bilanċ ta' €3,438.12 sabiex hija setgħet titlob il-ħruġ tal-kontromandati relattivi, u l-mandati ġew revokati fl-24 t'April, 2017.*

80. *Din il-Qorti ma għandha l-ebda dubbju li dawn is-sekwestri ikkawżaw diffikultajiet finanzjarji u loġistiċi kbar lil Daphne Caruana Galizia, għax nixxfu il-likwidità finanzjarja tagħha kollha. In oltre, hija bdiet tibża' li xi persuna oħra titħajjar mill-eżempju tal-konvenut, u jippreżenta xi sekwestru kawtelatorju ieħor flimkien ma' kawża ta' libell. L-attur Dottor Peter Caruana Galizia xehed li minħabba din il-biża', hu fetaħ kont kurrenti mal-bank f'ismu, li però kien effettivament jiġi użat minn martu, u kien jiddepożita ċ-*cheques *tagħha, kif ukoll regolarment jiffirma diversi* cheques *vojta minn qabel sabiex hija tkun tista' tużahom. Ovvjament dan l-arranġament kellu l-inkonvenjenzi tiegħu, stante li hija* de facto *tilfet l-indipendenza tal-użu tal-flus tagħha, billi issa kienet kostretta tiddependi fuq ir-raġel tagħha, anke għal dak li jikkonċerna transazzjonijiet konċernanti il-professjoni tagħha.*

81. *Fl-affidavit tiegħu, il-konvenut jirriferi għall-fatt li wara li saru l-mandati kawtelatorji, kienet inbdiet* crowd funding page *biex jinġabru flus biex jagħmlu tajjeb għall-mandati kawtelatorji. L-għada li nbdiet din il-*crowd-funding page *bdew jinġabru l-flus, u ċioe fl-10 ta' Frar, 2017, Daphne Caruana Galizia ippublikat artikolu ieħor intitolat* "€69,000 in 1 day: thank you all for giving the Economy Minister and Labour Party deputy leader a two-fingered salute" *fejn fih kienet* "ftaħret" *li f'ġurnata waħda biss kienet ġabret aktar flus milli kienu ġew depożitati l-qorti mill-bank tagħha fejn kienet iżżomm il-flus. Fl-affidavit tiegħu, il-konvenut jgħid hekk:* "L-ammont miġbur fil-fatt kien jeċċedi l-ammont kawtelat permezz tal-mandati kawtelatorji li kont għamilt jien. Caruana Galizia riedet tgħaddi messaġġ ċar li l-mandati kawtelatorji ma affettwawha xejn finanzjarjament. Anzi bil-kontra ta' dan, kienet ġabret iktar flus u prattikament għamlet qliegħ." *(fn. 59: ara fol. 71 tal-proċess)*

82. *Il-fatt li numru ta' persuni għażlu li jesprimu s-solidarjeta tagħhom ma' Daphne Caruana Galizia u taw donazzjonijiet ta' flus biex jiffinanzjaw d-depożitu li ried isir biex jiġu revokati l-mandati ta' sekwestru u l-ispejjeż legali tal-kawżi ta' libell ma jeżimix lill-konvenut mir-responsabbilitajiet tiegħu talli spedixxa l-mandati kawtelatorji b'mod abbużiv. L-erba' mandati ta' sekwestru (it-tnejn spediti mill-konvenut u t-tnejn spediti mill-Ministru Dottor Christian Cardona) iddeprivawha mill-użu tal-flus kollha li hi kellha depożitati fil-bank, u ħallewha lampa stampa. Lanqas hu korrett li jintqal illi billi inġabru iktar flus mill-pubbliku mill-ammonti kawtelati bil-mandati ta' sekwestru, allura jfisser li Daphne Caruana Galizia kienet* "għamlet qliegħ." *Fil-fatt mill-artikoli eżebiti mill-konvenut stess, jirriżulta li kemm meta ġiet imnedija il-*crowd funding page *kif ukoll wara li nġabru l-flus, Daphne Caruana Galizia iddikjarat li flus li jinġabru u li ma jkunux meħtieġa se jingħataw lid-Dar Merhba Bik. (fn. 60: ara fol. 72 u 75 tal-proċess).*

83. *In vista tal-konklużjoni ta' din il-Qorti li l-mandati kawtelatorji in kwistjoni inħarġu b'malizzja u kienu frivoli u vessatorji, il-konvenut huwa responsabbli kemm għad-danni kif ukoll għal penali* ai termini *tas-subinċiżi (8) u (9) tal-Artikolu 836 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili.*

84. *Bħala danni, l-atturi qegħdin jitolbu s-somma ta' tliet mija u sitta u għoxrin Euro u sebgħa u disgħin ċenteżmu (€326.97) bħala nofs l-ammont li nżamm mill-flus fil-kont bankarju ta' Daphne Caruana Galizia bħala drittijiet u spejjeż mill-HSBC Bank Malta Ltd. fuq iċ-ċedola ta' depożitu 458/2017, li permezz tagħha ġiet iddepożitata is-somma ta' €43,149.36 fir-reġistru ta' din il-Qorti.*

*Dawn id-danni huma direttament naxxenti mill-ispedizzjoni tal-mandati ta' sekwestru, ġew debitament ippruvati, u lanqas ġew kontestati mill-konvenut. Għaldaqstant, it-talba tal-atturi għall-ħlas ta' dan l-ammont ta' €326.97 bħala danni hija ġustifikata.*

85. *L-imposizzjoni tal-penali f'dawn iċ-ċirkostanzi mhix waħda awtomatika, iżda tiddependi mid-diskrezzjoni tal-Qorti, ovvjament tenut kont tal-fatti specie tal-każ in eżami. Fil-każ odjern, din il-Qorti hija tal-fehma li jeżistu l-estremi neċessarji li jiġġustifikaw l-imposizzjoni tal-penali. Min jitlob il-ħruġ ta' mandati kawtelatorji għandu jagħmel dan biss jekk ikun in* buona fede *bl-intenzjoni li jikkawtela l-interessi tiegħu. Konsegwentement, il-konvenut għandu jigi penalizzat talli abbuża mis-sistema ġudizzjarja, u talab il-ħruġ tal-mandati kawtelatorji għal raġunijiet malizzjużi, frivoli u vessatorji, a bażi ta' żewġ kawżi ta' libell temerarji fuq l-istess mertu.*

86. *Għaldaqstant, it-talba tal-atturi għall-imposizzjoni tal-penali ser tiġi milqugħa.* Ai termini *tal-Artikolu 836(8) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili din il-penali għandha tkun ta' mhux inqas minn elf mija u erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69) u mhux iżjed minn sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin Euro u tnax-il ċenteżmu (€6,988.12).*

*Tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, din il-Qorti hija tal-opinjoni li l-penali li għandha tiġi inflitta hija ta' erbat elef Euro (€4,000) għal kull mandat."*

## **<u>L-Appell</u>**

5. Fir-rikors tal-appell imressaq fis-6 ta' Ġunju, 2024, il-konvenut talab lil din il-Qorti tħassar is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-8 ta' Mejju, 2024, u minflok tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha sollevati minnu, u konsegwentement tiċħad it-talbiet kollha tal-atturi appellati.

6. L-appellant spjega x'kienu ċ-ċirkostanzi li taw lok għal dawn il-proċeduri, u senjatament li l-ġurnalista Daphne Caruana Galizia kienet tellgħet *posts* fuq il-*website* tagħha fit-30 ta' Jannar, 2017 u fil-31 ta' Jannar, 2017, fejn allegat li waqt li l-appellant kien qiegħed ġewwa Essen, il-Ġermanja jakkumpanja lill-

Ministru tal-Ekonomija, l-Industrija u l-Intrapriżi ż-Żgħar, huwa mar f'burdell li jismu FKK Acapulco ġewwa Velbert. L-appellant qal li l-liġi aplikabbli għal kawżi ta' malafama fl-2017 kienet il-Kap. 248 tal-Liġijiet ta' Malta, li kien jagħti jedd lil persuna aggravata tintavola proċeduri kemm ta' natura kriminali kif ukoll ta' natura ċivili fil-konfront ta' persuna li tippubblika materjal malafamanti. Qal ukoll li persuna li tħossha malafamata kellha d-dritt tipproċedi b'talba għall-ħruġ ta' mandati kawtelatorji sabiex tikkawtela d-danni pretiżi minnha sal-ammont ta' €11,646.87. L-appellant qal li fil-passat kien hemm diffikultajiet biex Daphne Caruana Galizia tiġi notifikata bl-atti ġudizzjarji, u anke sabiex tħallas ammonti li kienet ikkundannata tħallas, u kien għalhekk li huwa kiseb żewġ mandati ta' sekwestru kawtelatorji fl-ammont ta' €11,646.87, sabiex jikkawtela danni li setgħu jingħataw lilu bħala persuna offiża *ai termini* tal-artikolu 28(1) tal-Att dwar l-Istampa. L-appellant qal li fil-15 ta' Frar, 2017, Daphne Caruana Galizia talbet ir-revoka ta' dawn il-mandati *ai termini* tal-artikolu 836 tal-Kap. 12, u talbet ukoll li dawn il-mandati jiġu ddikajarati malizzjużi, frivoli u vessatorji, u sabiex il-Qorti timponi penali fuq l-appellant *ai termini* tal-artikolu 836(8) tal-Att. L-appellant qal li l-Qorti tal-Maġistrati (Mata) tat żewġ sentenzi li permezz tagħhom ċaħdet it-talbiet ta' Daphne Caruana Galizia, inkluża dik għall-ħlas tal-penali rikjesti fil-kontro-mandat magħmul minnha. L-appellant qal li fl-ewwel seduta għas-smigħ tal-kawżi ta' libell (referenza 31/2017 u 32/2017), Daphne Caruana Galizia ma dehritx u ma talbitx l-applikazzjoni tal-artikolu 12 tal-Att dwar l-Istampa, sabiex tagħmel il-prova tal-verità. Qal li għalhekk il-Qorti stradat il-kawża għall-provi rikorrenti. L-appellant kompla jgħid li fil-mori tad-differiment, l-avukati difensuri ta' Daphne Caruana Galizia ppreżentaw rikors fejn talbu lill-Qorti tordna lill-operaturi ċellulari f'Malta jiddikjaraw jekk in-

numru telefoniku li kien jintuża mill-appellant kienx irreġistrat magħhom, u jekk iva, jikkonservaw kull *Transferred Account Procedure* għall-perijodu bejn it-30 ta' Jannar, 2017 u l-1 ta' Frar, 2017, u sabiex jippreservaw tali informazzjoni. L-appellant qal li fid-9 ta' Marzu, 2017 Daphne Caruana Galizia iddepożitat l-ammont kollu kopert bl-imsemmija mandati ta' sekwestru kawtelatorji, erbgħa b'kollox.

7. L-appellant spjega x'kien seħħ waqt diversi udjenzi quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), sakemm waqt l-udjenza tat-23 ta' Ottubru, 2017, il-Qorti ġiet infurmata li minħabba l-mewt traġika ta' Daphne Caruana Galizia fis-16 ta' Ottubru, 2017, il-partijiet xtaqu jirregolaw ruħhom. Fl-24 ta' Ottubru, 2017, l-appellant u Dr Christian Cardona intavolaw erba' kontro-mandati fl-atti tal-mandati ta' sekwestru kawtelatorji 213/17 u 214/17 fl-ismijiet **Dr. Christian Cardona *vs.* Daphne Anne Caruana Galizia** u l-mandati ta' sekwestru kawtelatorji 220/17 u 221/17 fl-ismijiet **Av. Dr Joseph Gerada *vs.* Daphne Anne Caruana Galizia** rispettivament, sabiex il-familjari tad-defunta jkunu jistgħu jiżbankaw l-ammonti depożitati. Qal li permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrat (Malta) fl-atti tal-kontro-mandat 2027/17, il-Qorti osservat li l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 220/17 kien diġà ġie mneħħi bil-kontro-mandat numru 766/127, u għalhekk ma kien hemm l-ebda mandat x'jiġi revokat, filwaqt li stiednet lir-rikorrent jagħmel talba fl-atti taċ-ċedola ta' depożitu ppreżentata flimkien mal-kontro-mandat 766/17, sabiex il-fondi jiġu rilaxxati lill-familjari tad-defunta. Qal li fit-18 ta' Jannar, 2018 saret il-leġittimazzjoni tal-atti, u waqt l-udjenza tas-26 ta' April, 2018, xehed Dr Peter Caruana Galizia li wera x-xewqa li l-kawżi ta' libell fil-konfront ta' Daphne

Caruana Galizia jiġu ċeduti kollha. L-appellant qal li waqt li Dr Peter Caruana Galizia kien qiegħed jagħti t-testimonjanza tiegħu bħala xhud tal-appellant, kien qam il-punt dwar jekk il-libelli li saru mill-appellant u minn Dr. Christian Cardona, kinux ser jinżammu jew inkella kinux ser jiġu ċeduti, stante l-mewt ta' Daphne Caruana Galizia. L-appellant qal li kien inqala' argument bejn l-avukat difensur tiegħu u Dr Caruana Galizia, għaliex l-avukat difensur tiegħu Dr Pawlu Lia allega li Dr Caruana Galizia kien avviċinah barra l-Qorti, u pproponielu li l-appellant u Dr Cardona jwaqqgħu dawn il-kawżi ta' libell, filwaqt li kull parti ġġorr l-ispejjeż tagħha, u dan sabiex il-werrieta ta' Daphne Caruana Galizia ma jibqgħux iġorru l-piż tal-kawżi ta' libell kollha li kien hemm miftuħa fil-konfront tagħha. L-appellant qal li waqt l-udjenza tal-31 ta' Mejju, 2018, huwa ppreżenta kapitolu fil-konfront ta' Matthew Caruana Galizia, ta' Andrew Caruana Galizia u ta' Paul Caruana Galizia stante li dawn ma kinux preżenti sabiex jagħtu x-xhieda tagħhom. Qal li in segwitu għal dan, Dr Peter Caruana Galizia ppreżenta żewġ noti fl-atti tar-rikors 31/2017 FDP u 32/2017 FDP fejn assuma l-atti tal-kawżi ta' libell istitwiti mill-appellant, għan-nom u fl-interess ta' uliedu, l-appellati l-oħra f'dawn il-proċeduri, stante li dawn kienu kollha residenti barra minn Malta. L-appellant qal li peress li ma kienx hemm aktar diskussjonijiet mal-familja Caruana Galizia dwar jekk kinux ser jiġu ċeduti l-kawżi ta' libell istitwiti mill-appellant sas-seduta tal-31 ta' Mejju, 2018, dakinhar kienu dehru l-avukati difensuri tal-partijiet, u l-appellant ipproċeda bil-provi tiegħu billi intavola rikors fejn spjega li huwa kien xtaq li tixhed Daphne Caruana Galizia dwar il-fatti tal-każ, ladarba hija ma kinitx għażlet li tipprevalixxi ruħha mill-prova tal-verità kif kellha dritt li tagħmel. Qal li dan ma setax isir minħabba l-mewt traġika tagħha, u għalhekk huwa kellu jistrieħ fuq provi oħra sabiex juri li dak li kien ippubblikat

minnha kien mgħoddi lilha permezz ta' messaġġi telefoniċi anonimi minn sorsi li l-istess Daphne Caruana Galizia ma kinitx taf min huma. Qal li għalhekk il-Qorti ntalbet sabiex fost affarijiet oħra, tordna lill-operaturi ċellulari Maltin sabiex fl-iqsar żmien possibbli jiddikjaraw jekk kienux il-*mobile service providers* ta' Daphne Caruana Galizia, u sabiex jikkonservaw il-*call logs* u l-SMS *Message Logs* relatati ma' Daphne Caruana Galizia. L-appellant qal li waqt l-istess udjenza tal-31 ta' Mejju, 2017 tal-kawżi numru 29/2017 u 30/2017, l-avukat difensur ta' Daphne Caruana Galizia talab il-liberatorja għaliex l-attur f'dawk il-proċeduri, Dr Christian Cardona, ma kienx qiegħed jattendi għas-seduti, meta l-kawża kienet differita għall-provi tiegħu. Qal li l-Qorti kkunsidrat l-artikolu 199 tal-Kap. 12, rat it-talba tal-intimat li saret *ai termini* tal-istess artikolu tal-liġi, u ordnat il-kanċellament tal-kawżi minn fuq il-lista. L-appellant qal li waqt is-seduta tal-4 ta' Ottubru, 2018, huwa ppreżenta nota ta' ċessjoni sabiex ċeda ż-żewġ kawżi ta' libell fil-konfront tal-appellati. Qal li sussegwentement, l-appellati ppreżentaw rikors fl-atti ta' dawn il-proċeduri sabiex għal darba oħra, a tenur tal-artikolu 836 tal-Kap. 12, jitolbu li l-mandati li kienu saru fil-konfront ta' Daphne Caruana Galizia jiġu dikjarati li saru b'mod malizzjuż, frivolu u vessatorju għall-finijiet tal-artikolu 836(8)(d) tal-Kap. 12, u l-appellant jiġi ordnat iħallas penali a tenur tal-artikolu 836 (8) tal-Kap. 12.

8. L-appellant jikkontendi li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-eċċezzjonijiet u tal-provi mressqa minnu, partikolarment dwar in-nullità tal-azzjoni attriċi. Qal li huwa eċċepixxa n-nullità tal-azzjoni attriċi, għaliex din ma saritx skont il-proċedura preskritta fl-artikolu 836 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Qal li l-Ewwel Qorti ġebbdet l-interpretazzjoni ta' dan l-artikolu, billi qalet

li tali talba tista' ssir permezz ta' rikors ġenerali, u qal li kieku talba għall-ħlas ta' penali tista' ssir anke meta l-mandat m'għadux *in vigore*, kieku l-leġislatur kien jistipula li tali talba tista' ssir b'rikors separatament. Kompla jgħid li l-appellati ma kinux talbu għad-danni a tenur tal-artikolu 836(d) tal-Kap. 12, u għalhekk id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti fejn ikkundannatu jħallas id-danni, kienet *ultra petita.* L-appellant saħaq li ladarba l-mandat kien ġie revokat, u ladarba l-kawża li segwiet ukoll ġiet ċeduta mill-appellant, ma setgħetx tiġi applikata aktar il-proċedura taħt l-istess artikolu. Qal li fl-argumentazzjoni tagħha dwar l-impożizzjoni ta' penali, u kundanna għad-danni b'relazzjoni mas-sekwestri kawtelatorji mitluba u akkordati lill-appellant, l-Ewwel Qorti għamlet riferiment għad-deċiżjoni fl-ismijiet **John Zarb *vs.* Port Cottonera Limited** deċiża fit-18 ta' Settembru, 2002, u dan meta l-fatti ta' dawk il-proċeduri kienu dijametrikament opposti għal dawk tal-proċeduri odjerni. L-appellant qal li l-proċeduri ċċitata kien magħmula *ai termini* tal-artikolu 836(8) u (9) tal-Kap. 12 fl-atti tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju, u dan il-punt isaħħaħ il-fehma tiegħu li l-azzjoni attriċi hija nulla għaliex hija bbażata fuq l-artikolu 836 tal-Kap. 12, u għalhekk kellha ssir jew fl-atti tal-mandat kawtelatorju jew fl-atti tal-kawża relatata mal-mandat, liema mandat kellu jkun għadu fis-seħħ sabiex il-proċedura in kwistjoni setgħet titħaddem. Qal ukoll li minkejja dak deċiż mill-Ewwel Qorti, l-appellati ma talbu l-ebda danni b'konsegwenza diretta tal-mandat kawtelatorju, iżda madanakollu l-Qorti kkonkludiet li l-appellant għandu jħallas l-ispejjeż tal-kawża, inkluż €326.97 bħala nofs is-somma ta' €653.94 miżmuma mill-HSBC Bank Malta plc bħala drittijiet fuq iċ-ċedola ta' depożitu numru 458/17. L-appellant saħaq li ladarba l-appellati riedu jipproċedu a tenur tal-artikolu 836 tal-Kap. 12, huma kellhom jew jagħmlu rikors lill-qorti li kienet ħarġet l-att

kawtelatorju, jew inkella jagħmlu rikors lill-qorti li tkun qiegħda tittratta dik il-kawża. Qal iżda li l-appellati m'għamlu l-ebda wieħed minnhom, u minflok għamlu rikors ġenerali b'avviż daqs li kieku kienu qegħdin jagħmlu kawża għad-danni ġenerali. L-appellant qal li fil-każ preżenti l-att kawtelatorju kien diġà tneħħa, u għalhekk ma setgħux jiġu applikati l-proċeduri maħsuba fl-artikolu 836 tal-Kap. 12, li huwa maħsub biss sabiex dak li jkun qiegħed isofri l-effetti ta' mandat kawtelatorju jkollu r-rimedji pprovduti permezz tal-istess dispożizzjonijiet tal-liġi għal hruġ ta' kontro-mandat għat-tneħħija tal-effetti tiegħu, u fejn permess mil-liġi, għall-impożizzjoni ta' penali fil-każijiet speċifikati fl-artikolu 836(8) tal-Kap. 12.

9. L-appellant qal li meta wieħed jara t-talbiet magħmula mill-appellati fir-rikors promutur, dawn jirreferu għal żewġ mandati kawtelatorji u żewġ kawżi, u għalhekk jidher li għalkemm użaw il-proċedura taħt l-artikolu 836 tal-Kap. 12, li hija l-proċedura li tirregola ħruġ ta' l-kontro-mandat, fit-talba tagħhom daħħlu wkoll l-elementi li kellhom jidħlu f'kawża ġenerali għad-danni, u mhux f'rikors għall-ħruġ ta' kontro-mandat. L-appellant qal li l-appellati ma setgħux jagħmlu l-proċeduri fl-atti tal-mandati kawtelatorju jew fl-atti tal-kawża għal żewġ raġunijiet - għaliex il-mandati kawtelatorji kienu ilhom li tneħħew permezz ta' kontro-mandat, u għaliex it-talba tal-atturi a tenur tal-artikolu 836 għall-kontro-mandat u l-penali kienet diġà saret fil-15 ta' Frar, 2017, u kienet ġiet miċħuda permezz ta' żewġ deċiżjonijiet 36/17 u 37/17 mogħtija fid-9 ta' Marzu, 2017, fejn il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet ċaħdet it-talbiet għall-penali rikjesti fil-kontro-mandat magħmul mill-istess Daphne Caruana Galizia a tenur tal-artikolu 836 tal-Kap. 12, u għalhekk kienet *res judicata.* L-appellant qal li għalhekk jidher

li l-appellati ttentaw jikkamuffaw it-talbiet tagħhom a tenur tal-artikolu 836 tal-Kap. 12 permezz ta' rikors b'avviż normali, li seta' jintuża biss biex isiru talbiet għad-danni allegatament ikkaġunati lilhom bil-mandat kawtelatorju taħt ir-regoli ġenerali tal-Kodiċi Ċivili. Imma meta persuna tistitwixxi kawża għad-danni, dawn iridu jiġu kkwantifikati u ppruvati. L-appellant qal li mir-rikors promutur tal-appellati għandu jirriżulta li l-uniċi danni li setgħu jirreklamaw riżultat tal-mandati kawtelatorji, kien l-ammont ta' €326.97 bħala nofs is-somma ta' €653.94 miżmuma mill-HSBC Bank Malta plc bħala drittijiet fuq iċ-ċedola ta' depożitu numru 458/17. L-appellant saħaq li l-proċedura adoperata mill-appellati u l-mod kif l-Ewwel Qorti ppruvat tissanaha, ma jirrispekkjax l-ispirtu tal-artikolu 836(8) tal-Kap. 12, għaliex dan l-artikolu jirreferi għall-impożizzjoni ta' penali fejn il-mandat ikun għadu *in vigore*. Qal li t-talba għall-ħlas ta' danni tista' ssir separatament b'rikors, għaliex hija l-liġi nnifisha li tagħti din il-possibilità. L-appellant qal li għalhekk fil-fehma tiegħu l-Ewwel Qorti naqset milli tapplika l-liġi b'mod korrett, għaliex ir-rimedju pprovdut taħt l-artikolu 836 tal-Kap. 12 huwa dak tal-kontro-mandat, kif jidher anke mill-*margin note,* u mhux għal danni taħt id-dispożizzjonijiet ġenerali tal-*culpa aquiliana* tal-Kodiċi Ċivili.

10. L-appellant għamel riferiment ukoll għat-tielet eċċezzjoni tiegħu, jiġifieri dik tar-*res judicata,* u qal li t-talba sabiex tiġi imposta penali u jingħataw danni, kienet diġà ġiet deċiża bid-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tad-9 ta' Marzu, 2017, fejn ċaħdet it-talbiet ta' Daphne Caruana Galizia, inkluż it-talba għall-applikazzjoni tal-penali *ai termini* tal-artikolu 836(8) tal-Kap. 12, u għalhekk l-appellati ma setgħux jerġgħu jitolbu li jsiru l-istess proċeduri dwar l-

istess mandati kawtelatorji, meta l-Qorti kienet diġà ddeċidiet dwar dan il-mertu. L-appellant qal ukoll li meta kawża identika għall-odjerna kienet infetħet kontra Dr Christian Cardona, il-Qorti tal-Maġistrat (Malta) f'dak il-każ laqgħet l-eċċezzjoni tar-*res judicata,* u għalhekk ma pproċedietx b'deċiżjoni dwar il-mertu. Żied jgħid li meta nfetħet il-kawża kontra Dr Christian Cardona mill-appellati (323/2018), oriġinarjament din kienet ġiet assenjata lill-Qorti tal-Maġistrat (Malta) ppreseduta mill-Maġistrat illum Imħallef Francesco Depasquale, li kien astjena *ai termini* tal-artikolu 734(1)(d)(ii) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. L-appellant qal li fl-għażla tal-bażi legali għall-astensjoni tiegħu, il-Maġistrat Depasquale spjega li dik il-Qorti kienet diġà qatgħet definittivament il-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet, u dan b'kontradizzjoni ma' dak li ddeċidiet l-Ewwel Qorti fil-proċeduri odjerni, fejn din iddeċidiet li l-kwistjoni bejn il-partijiet ma ġietx maqtugħa b'mod definittiv. L-appellant qal li fil-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-eċċezzjoni tar-*res judicata,* l-Ewwel Qorti injorat ukoll dak li jgħid l-artikolu 836(5) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta fejn jgħid li ma għandu jsir ebda appell u kontestazzjoni minn digriet li jilqa' rikors imsemmi fis-subartikolu 836(1), u dan id-digriet ikun finali u irrevokabbli. Qal li l-Maġistrat Depasquale kien diġà ddeċieda li minn stħarriġ preliminari tal-fatti ma kienet tirriżulta l-ebda waħda mill-erba' ċirkostanzi kkontemplati fil-liġi, u li kien għalhekk li t-talba għall-ħlas ta' penali kienet qiegħda tiġi miċħuda. Qal li l-obbligu tal-Qorti meta rinfaċċjata b'talba għal kontro-mandat, huwa li tagħmel evalwazzjoni fuq bażi ta' *prima facie* mingħajr ma tidħol fil-mertu tal-każ, iżda minkejja dan is-sentenza tal-Maġistrat Depasquale daħlet f'dettall kbir fis-sentenza tagħha, qabel ċaħdet it-talbiet ta' Daphne Caruana Galizia. L-appellant qal li l-Ewwel Qorti li ddeċidiet il-kawża fl-ismijiet **Dr Peter Caruana Galizia et**

***vs.*** **Dr Christian Cardona** (323/2018) evalwat l-elementi li jsawru l-ġudikat, u waslet għall-konklużjoni, li fil-fehma tal-appellant hija korretta, li f'dan il-każ it-tliet elementi li jsawru l-eċċezzjoni tal-ġudikat huma sodisfatti, u għalhekk laqgħet l-eċċezzjoni tar-*res judicata.*

11. It-tieni aggravju tal-appellant jgħid li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-mertu. Qal li filwaqt li hija regola stabbilita li din il-Qorti ta' reviżjoni ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun għamlet l-Ewwel Qorti, imma fejn jintwera li dak l-apprezzament ikun wieħed irraġonevoli jew fejn jirriżulta li l-apprezzament tal-provi huwa kontradett mill-atti, il-Qorti tal-Appell tista' tagħmel l-apprezzament tal-fatti mill-ġdid. Qal li jidher li l-Ewwel Qorti għamlet interpretazzjoni u applikazzjoni ħażina tal-liġi viġenti fiż-żmien meta huwa istitwixxa l-libelli, u ċioe l-artikolu 12 tal-Att dwar l-Istampa (Kap. 248 tal-Liġijiet ta' Malta), li dak iż-żmien kien jirregola kawżi ta' malafama, u li kienet tagħti dritt lill-persuna aggravata tintavola proċeduri kemm kriminali kif ukoll ċivili fil-konfront ta' kwalunkwe persuna li tkun ippubblikat il-materjal malafamanti. Qal li persuna li kienet tħossha aggravata b'pubblikazzjoni bħal din, kellha wkoll id-dritt li tipproċedi b'kawża għad-danni fil-konfront tal-persuna li tkun ippubblikat il-kontenut malafamanti, u għalhekk setgħet tipproċedi bit-talba għall-ħruġ ta' mandati kawtelatorji sabiex tikkawtela l-ħlas tad-dannu pretiż minnha. L-appellant qal li l-liġi tal-istampa dak iż-żmien kienet tippermetti lill-Qorti Ċivili kompetenti tagħti lill-persuna offiża somma ta' mhux iżjed minn €11,646.87, u dan minbarra d-danni li setgħu jintalbu taħt xi liġi li tkun fis-seħħ dwar telf jew ħsara attwali. Żied jgħid li l-artikolu 12 tal-Kap. 248 jagħti l-fakoltà lill-imputat f'kawża ta' malafama, sabiex fl-istadju preliminari tal-

kawża jassumi r-responsabbilità tal-malafama, u jiddikjara li jrid jipprova l-verità tal-fatti attribwiti minnu lill-parti l-oħra, u dan bħala difiża għall-allegazzjonijiet li jkun għamel fil-konfront tal-parti l-oħra, u għalhekk issir l-inverżjoni tal-provi. Qal li l-Ewwel Qorti jidher li ħadet pożizzjoni opposta għal dan l-ispirtu tal-liġi għaliex skont hi, kien l-appellant li kellu jġib provi suffiċjenti sabiex iġib fix-xejn l-allegazzjonijiet ta' Daphne Caruana Galizia. Qal li b'dan ir-raġunament, fejn persuna tippubblika informazzjoni malafamanti fuq persuna oħra, dik l-allegazzjoni għandha titqies li hija veritiera, sakemm il-vittma tal-malafama ma ġġibx prova kuntrarja. L-appellant qal li l-leġislatur kien introduċa l-prova tal-fatti jew il-prova tal-verità, sabiex fi stadju bikri tal-kawża ta' libell, min ikun għamel l-allegazzjoni jkun jista' jiddefendi ruħhu mill-azzjoni miġjuba mill-attur, billi juri l-fatti kollha li wasslu biex l-imputat ikun ippubblika l-allegazzjonijiet li jkun għamel. L-appellant qal li bħala difiża, Daphne Caruana Galizia eċċepiet il-*fair comment,* u dan iġib miegħu ir-responsabbilità li min jagħmel il-kumment, ikun qiegħed jagħmlu abbażi ta' fatti verifikati, u allura ma jkollux problema isostni dak li jkun qal, billi jagħmel il-prova tal-fatti. L-appellant qal li meta persuna tagħmel allegazzjonijiet daqstant gravi u dannużi, wieħed jistenna li din tkun imxiet fuq fatti u informazzjoni verifikata, u għalhekk wieħed kien jistenna li Daphne Caruana Galizia titlob li tagħmel il-prova tal-verità, u tieħu responsabbilità ta' dak li kitbet. Qal li minkejja dan, Caruana Galizia m'għamlitx talba bħal din, u minflok għamlet talba fl-ewwel seduta sabiex tiġi preservata l-*geo-localisation data* relatata man-numru tat-telephone li kien juża l-appellant, sabiex jekk ikun jidhrilha u tippermetti l-Qorti, tkun tista' tipproduċi l-istess meta u jekk jixhdu r-rappreżentanti tal-operaturi tas-servizzi ċellulari. L-appellant qal li dan juri li Daphne Caruana Galizia ma kellha l-ebda prova

x'tippreżenta, u li din kienet biss *fishing expedition* biex forsi tikseb xi prova li setgħet twassal biex tafferma l-allegazzjonijiet magħmula minnha.

12. L-appellant qal li l-Ewwel Qorti ma kellhiex tirrimarka li Daphne Caruana Galizia kienet ħadet ħsieb li jiġu ppreservati l-provi fl-istadju tal-provi tagħha, u dan l-argument imur lil hinn mill-mansjoni li kellha l-Ewwel Qorti li tara jekk l-appellant kienx abbuża mid-dritt li kienet tagħtih il-liġi meta talab u ġew akkordati favur tiegħu żewġ mandati ta' sekwestru kawtelatorji sabiex jikkawtela l-ammont pretiż minnu. L-appellant qal li Daphne Caruana Galizia kitbet xejn anqas minn sittax-il *post* b'allegazzjonijiet fil-konfront tiegħu, u l-prova li kienet qiegħda tistrieħ fuqha sabiex setgħet tippubblika dawn l-artikoli ma kinitx il-*geo-location data,* li wara kollox qatt ma kienet fil-pussess tagħha. L-appellant qal li Daphne Caruana Galizia qalet li kienet ippubblikat l-informazzjoni li twasslitilha minn terzi li kienu qegħdin fl-istess post fejn kien hemm l-appellant u l-Ministru Cardona, imma kemm l-appellant kif ukoll il-Ministru Cardona ċaħdu bil-qawwa dawn l-allegazzjonijiet billi mhux biss intavolaw żewġ kawżi ta' libell kull wieħed, talli talbu wkoll l-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju għal kull kawża, sabiex jikkawtelaw il-massimu tad-danni li l-Qorti setgħet tillikwida.

13. L-appellant saħaq li dak li kellha tara l-Ewwel Qorti kien jekk huwa kellux *prima facie* l-bażi ġuridika li fuqha seta' jaġixxi sabiex jitlob il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju, fid-dawl tal-prinċipju li d-dritt *per se* għall-azzjoni ġudizzjarja m'għandux jiġi ppreġudikat. Qal li huwa kellu dritt jikkawtela t-talbiet magħmula minnu fil-libelli kontra Daphne Caruana Galizia, billi jitlob il-ħruġ tal-mandati ta' sekwstru kawtelatorji fl-ammont massimu li kien qiegħed

jitlob fil-kawżi skont dak li tippermetti l-liġi tal-istampa, u l-fatt li l-Ewwel Qorti f'dan il-każ irreferiet għal din l-azzjoni bħala waħda estrema, juri li r-raġunament tagħha ma kienx ibbażat fuq il-liġijiet viġenti fiż-żmien meta l-azzjoni tal-appellant kienet saret, iżda fuq l-opinjoni tagħha u tal-mezzi tax-xandir. L-appellant qal li l-pubblikazzjoni impunjata affettwatlu kemm il-ħajja personali kif ukoll il-ħajja professjonali tiegħu, u l-istorja kibret u saħansitra saru programmi dwarha fuq il-mezzi tax-xandir lokali u anke internazzjonali, filwaqt li Daphne Caruana Galizia nnifisha stqarret li fuq medda ta' jumejn, din l-istorja wasslet għal aktar minn sitt mitt elf *view* f'ġurnata waħda. Qal li minkejja dan, huwa għażel li jillimita l-azzjoni tiegħu fuq żewġ *posts* partikolari, jiġifieri dawk tat-30 u tal-31 ta' Jannar, 2017, u dan għaliex huwa ried biss li toħroġ il-verità u mhux li ssir xi kruċjata kontra l-ġurnalista.

14. L-appellant qal li sabiex tistħarreġ jekk il-mandati ta' sekwestru kawtelatorji mitluba minnu, kinux intalbu b'mod malizzjuż, frivolu u vessatorju, l-Ewwel Qorti kellha tagħmel eżami fuq bażi *prima facie* fuq il-*forma mentis* tal-appellant fil-mument li fih talab il-ħruġ tal-mandati. Qal li jekk kien hemm intenzjoni malizzjuża jew vessatorja fit-talbiet tiegħu, din kellha tkun preżenti fil-mument li fih talab il-mandati kawtelatorji.

15. L-appellant qal li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata wkoll dwar il-mertu u r-raġuni li wasslet biex l-appellant ċeda l-kawżi ta' libell, u tonqos milli tagħti stampa ċara fl-evalwazzjoni tagħha, meta f'waqtiet tgħid li l-appellant ma ppreżenta l-ebda prova, u imbagħad f'istanzi oħra tirreferi għal meta fir-realtà l-appellant seta' jibda jressaq il-provi tiegħu. L-appellant qal li mill-atti għandu jirriżulta li fl-ewwel opportunità li huwa kellu sabiex jibda jressaq il-provi tiegħu,

waqt l-udjenza tas-26 t'April, 2018, huwa kien tella' lil Dr Peter Caruana Galizia bħala xhud tiegħu, iżda l-Ewwel Qorti ma tat l-ebda importanza lil din ix-xhieda. Qal li mix-xhieda ta' Dr Peter Caruana Galizia, kellu jirriżulta li minkejja li dan iddefenda l-pożizzjoni tal-mara tiegħu, huwa lanqas kellu idea ta' x'kienet kitbet, u għalhekk ma riedx jerfa' r-responsabbilità għall-kitba tagħha. Qal li l-Ewwel Qorti dehrilha li artikolu li deher fil-*Malta Today* fil-5 ta' Marzu, 2018, kien aktar kredibbli mix-xhieda ta' Dr Peter Caruana Galizia fid-depożizzjoni tiegħu mogħtija aktar minn xahar wara li deher l-artikolu imsemmi. Qal li l-Ewwel Qorti naqset milli tagħmel apprezzament korrett tar-raġunijiet li wasslu sabiex ġew ċeduti l-kawżi ta' libell, fosthom li kien hemm żewġ differimenti għal-leġittimazzjoni tal-atti, il-fatt li s-seduta tal-5 ta' Marzu, 2018 ġiet differita bi qbil bejn il-partijiet, il-fatt li fis-26 ta' April, 2018 ġie prodott Dr Peter Caruana Galizia bħala xhud, u l-fatt li fil-31 ta' Mejju, 2018, l-appellant ippreżenta rikors sabiex l-operaturi tas-servizzi ċellulari jiddikjaraw jekk kinux *service providers* ta' Daphne Caruana Galizia, u sabiex jipprovdu l-*call logs* u informazzjoni oħra dwar il-messaġġ li rċeviet Daphne Caruana Galizia, u li fuqu bbażat l-artikoli tagħha. L-appellant qal li kien biss fis-seduta tas-26 ta' April, 2018 li huwa seta' jibda bil-provi tiegħu, u huwa ambigwu kif l-Ewwel Qorti ratha stramba li fi tliet xhur kienet għadha ma tteħditx deċiżjoni mill-appellant dwar jekk kellux jipproċedi bil-kawżi jew le, daqs li kieku dan il-fattur ta' tliet xhur kellu jwassal għal deċiżjoni dwar jekk il-mandati kawtelatorji mitluba u akkordati fis-7 ta' Frar, 2017, kinux saru b'mod malizzjuż, frivolu u vessatorju. Qal ukoll li l-Ewwel Qorti injorat il-fatt li kienu l-appellati li talbu għal-liberatorja fir-rigward tal-kawżi li jinvolvu lil Dr Christian Cardona, u dan il-fatt jindika li l-appellati ma ridux li dawn il-kawżi jitkomplew. L-appellant qal li mix-xhieda ta' Dr Peter Caruana Galizia,

għandu jirriżulta li kienu saru skambji bejn il-partijiet bl-iskop li l-kawżi ta' libell jiġu ċeduti. L-appellant qal li filwaqt li l-Ewwel Qorti tgħid li l-kawżi ta' libell u l-mandati kawtelatorji ppreżentati minnu huma temerarji, għaliex huwa kien jaf li ma kellux provi x'jippreżenta, li kieku dan huwa minnu, huwa kien jaħtaf l-ewwel opportunità biex iċedi l-kawżi wara ċ-ċirkostanzi estremi li avveraw ruħhom wara l-mewta traġika ta' Daphne Caruana Galizia. Qal li l-kawżi istitwiti mill-appellati għall-impożizzjoni ta' penali, juru li kien ġustifikat l-appellant meta ma għaġġilx u ċeda l-kawżi immedjatament, mingħajr xi forma ta' qbil mal-appellati. L-appellant qal ukoll li mhux minnu li ħafna mill-kawżi li kien hemm kontra Daphne Caruana Galizia ġew ċeduti qabel il-kawżi tiegħu, u dan għaliex minn stħarriġ li huwa għamel, jidher li kien hemm bejn wieħed u ieħor 29 kawża pendenti, li minnhom 6 biss ġew ċeduti qabel tiegħu. L-appellant qal li huwa fetaħ il-kawżi ta' libell, u talab il-ħruġ ta' mandati kawtelatorji għaliex ried jiċħad kategorikament l-allegazzjonijiet li saru fil-konfront tiegħu, u għalhekk huwa kellu jagħżel jekk kellux iċedi l-kawżi, u b'hekk iċedi għall-pressjoni pubblika li kienet qiegħda ssir, jew inkella jibqax għaddej u jippreżenta l-provi kollha li kellu, u dan f'punt meta l-kawża tkompliet mill-familjari ta' Daphne Caruana Galizia li ma kinux huma li għamlu l-allegazzjonijiet fil-konfront tiegħu, u li huwa ma kellu l-ebda kwistjoni magħhom. Qal li huwa kellu jieħu t-triq tal-kompromess. L-appellant saħaq li l-ebda waħda mill-partijiet ma kienet taf il-*geo-location data* x'kienet tgħid, u l-ebda parti ma kellha aċċess liberu għaliha sabiex tippreżentaha bħala prova. Qal li l-Ewwel Qorti injorat l-fatt li Daphne Caruana Galizia kellha l-opportunità ġġib il-prova tal-verità tal-fatti *ai termini* tal-artikolu 12 tal-Kap. 248, u tippreżenta l-fatti fi stadju preliminari tal-kawża sabiex turi li l-informazzjoni li ppubblikat kienet ivverifikata b'xi mod, billi tal-

anqas tikkonferma s-sorsi li għaddewlha l-informazzjoni. L-appellant qal li Daphne Caruana Galizia baqgħet ma ppreżentat l-ebda prova sabiex turi li dak li kitbet kien ibbażat fuq il-fatti u fuq il-verità. L-appellant qal li l-Ewwel Qorti injorat ukoll l-eċċezzjoni mressqa minnu fir-risposta tiegħu, li l-prova tal-*geo-location data* qatt ma setgħet tiġi ammessa bħala prova fi proċeduri ċivili. L-appellant qal li wara li l-kawżi ta' libell ġew ċeduti minnu, l-inkjesta pubblika li kienet saret dwar il-mewt ta' Daphne Caruana Galizia, kienet talbet li jingħatawlha l-envolopes bil-*geo-location data* li kienu ġew depożitati fil-kawżi ta' libell in kwisjtoni, sabiex l-informazzjoni hemm kontenuta tiġi analizzata minn espert tekniku, u qal li minn informazzjoni li tinsab fid-dominju pubbliku, l-espert tekniku inkarigat kien spjega li l-informazzjoni li kellu ma kinitx konklussiva, u żgur ma setgħetx tintuża biex tikkonferma l-allegazzjonijiet magħmula minn Daphne Caruana Galizia. Għall-kuntrarju, dan ix-xhud qal li l-probabbilità hi li l-appellant ma kienx iċċaqlaq mill-belt ta' Essen għal jumejn sħaħ, għaliex li kieku ċċaqlaq il-probabbilità hija li l-*mobile* tiegħu kien jaqbad ma' xi antenna oħra. L-appellant qal li kuntrarjament għal dak li qalet l-Ewwel Qorti, huwa kellu provi oħra li seta' jesebixxi sabiex jipprova dak sostnut minnu, iżda dawn il-provi huwa ma esebihomx għaliex il-kawżi ta' libell ġew ċeduti.

16. Fit-tielet aggravju tiegħu, l-appellant jgħid li d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti hija *extra petita* u *ultra petita.* Qal li l-Ewwel Qorti kellha tiddeċiedi fuq it-talbiet li kellha quddiemha, u għalhekk id-deċiżjoni tagħha hija nulla għaliex l-appellati ma ressqu l-ebda talba għad-danni a tenur tal-artikolu 836(9) tal-Kap. 12. Qal li r-rikors tal-appellati sar purament a tenur tal-artikolu 836(8) tal-Kap. 12, fejn talbu l-applikazzjoni tal-penali ravviżata f'dak l-artikolu, u mhux id-danni taħt is-

subinċiż (9), li jipprovdi li sabiex jintalbu d-danni a tenur tal-istess subinċiż, il-persuna li kontra tagħha jkun inħareġ l-mandat kawtelatorju, tista' tagħmel rikors lill-Qorti sabiex tordna l-ħlas tad-danni li setgħet ġarrbet bil-ħruġ tal-mandat. L-appellant qal li jidher ċar mid-diċitura tal-liġi stess, li tali talba kellha ssir mill-appellati permezz ta' rikors separat a tenur tas-sub-inċiż (9) tal-artikolu 836 tal-Kap. 12, fejn jispeċifikaw li qegħdin jitolbu d-danni a tenur tas-sub-inċiż (9) tal-artikolu 836 tal-Kap. 12, u mhux il-ħlas tal-penali a tenur tas-sub-inċiż (8) tal-artikolu 836 tal-Kap. 12. Qal li dawn iż-żewġ rimedji mhumiex alternattivi għal xulxin, u jistgħu jsiru t-tnejn li huma mill-persuna li tkun suġġetta għall-mandat kawtelatorju, madanakollu t-talbiet iridu jsiru permezz ta' azzjoni u kawża b'rikors separat quddiem dik il-Qorti li jkollha ġurisdizzjoni tisma' dik il-kawża, u dan stante li l-proċedura għall-impożizzjoni ta' penali ravvisata a tenur tas-sub-inċiż (8) tal-artikolu 836 tal-Kap. 12, trid issir jew fl-atti tal-mandat kawtelatorju li jkun għadu fis-seħħ, jew inkella quddiem il-Qorti li tkun qed tisma' l-kawża b'relazzjoni ma' dak il-mandat kawtelatorju, xi ħaġa li mhijiex neċessarja fil-proċedura a tenur tas-sub-inċiż (9) tal-artikolu 836 tal-Kap. 12. L-appellant qal li ladarba l-appellati m'għamlu l-ebda talba għad-danni skont il-proċedura ravvisata mil-liġi, l-Ewwel Qorti ma setgħetx tgħaddi sabiex tiddeċiedi dwar it-talba fil-mertu, għaliex it-talba għad-danni ma ġietx inkluża fir-rikors promutur tal-appellati, u għalhekk l-Ewwel Qorti aġixxiet *ultra petita.*

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

17. L-appellati rrimarkaw illi l-appellant m'appellax minn dik il-parti tad-deċiżjoni appellata fejn l-Ewwel Qorti ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-irritwalità

tal-azzjoni minħabba l-assenza minn Malta ta' uħud mill-atturi, u kif ukoll ċaħdet ir-raba' eċċezzjoni dwar in-nuqqas ta' interess ġuridiku tal-atturi, u għalhekk jgħidu li dawk il-partijiet tad-deċiżjoni appellata li ma sarx appell minnhom, issa għaddew in ġudikat. Jgħidu wkoll li s-sentenza impunjata hija ġusta u timmerita konferma.

18. B'riferiment għall-ewwel aggravju tal-appellant, l-appellati jgħidu li l-artikolu 836 tal-Kap 12 ma jippreskrivix proċedura li għandha tiġi adoperata għall-fini ta' talba għall-impożizzjoni ta' penali wara l-ħruġ ta' mandat kawtelatorju frivolu. Jgħidu li hekk kif l-artikolu 836 tal-Kap 12 jipprovdi li persuna tista' tagħmel rikors quddiem l-istess qorti li tkun ħarġet il-mandat kawtelatorju, huma intavolaw rikors quddiem il-Qorti li kienet ħarġet il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju. L-appellati qalu li l-Ewwel Qorti kienet korretta fl-analiżi tagħha li l-liġi ma kinitx maħsuba biex tkun daqstant restrittiva, għaliex altrimenti jistgħu jinħolqu ċirkostanzi fejn rikorrrent jista' jitlob il-ħruġ ta' mandat kawtelatorju b'mod abbużiv, u sussegwentement jirtira l-istess mandat bl-iskop li jevita l-impożizzjoni tal-penali, kif ukoll li dan huwa artikolu ta' ordni pubbliku li għandu l-iskop li jassigura li l-mandati kawtelatorji ma jintużawx b'mod abbużiv. L-appellati saħqu li l-azzjoni kkontemplata fl-artikolu 836 tal-Kap 12, hija perfettament konformi mar-Rakkomandazzjoni CEM/Rec (2024) 2 tal-Kumitat tal-Ministri tal-Istati Membri *'On countering the use of strategic lawsuits against public participation (SLAPPs).'* L-appellati għamlu riferiment għad-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti, fejn din ikkonkludiet li l-mandati kawtelatorji saru mill-appellant b'mod abbużiv. Qalu li fil-livell Ewropew hemm *consensus* ġenerali li proponenti ta' atti ġudizzjarji abbużivi, għandhom jiġu penalizzati u

għandhom iħallsu d-danni għal tali atti abbużivi. L-appellati qalu li peress li l-artikolu 836 tal-Kap. 12 jibda bil-kliem *'[m]ingħajr preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt dan il-Kodiċi jew kull liġi oħra'*, dan ifisser li persuna tista' tagħmel rikors quddiem qorti kompetenti għal danni akwiljani, u dan ma jinnewtralizzax ir-rimedju kkontemplat bl-artikolu 836(8) u (9) tal-Kap. 12. L-appellati saħqu li m'hemm l-ebda konsiderazzjoni tal-Qorti fis-sens li talba għall-penali, kellha ssir bilfors flimkien mar-rikors għar-revoka, jew bilfors waqt li l-effetti tal-mandat kienu għadhom fis-seħħ.

19. Dwar l-eċċezzjoni tar-*res judicata* sollevata mill-appellant, l-appellati jgħidu li filwaqt li l-appellant jirreferi għad-deċiżjonijiet tal-Maġistrat illum Imħallef Francesco Depasquale bħala 'sentenzi', fil-verità dawn kienu biss provvedimenti jew digrieti. Jgħidu li r-rikors li kienet għamlet Daphne Caruana Galizia, kien sar mal-ħruġ tal-mandati kawtelatorji, fejn kienet talbet ir-revoka tagħhom minħabba ċ-*chilling effect* li l-mandati jista' jkollhom fuq il-midja lokali, u konsegwentement talbet għall-impożizzjoni ta' penali għal mandat frivolu u vessatorju. Qalu li Daphne Caruana Galizia kienet, fl-24 t'April, 2017, reġgħet talbet ir-revoka tal-mandati ta' sekwestru kawtelatorji billi d-deċiżjoni preċedenti ma kinitx tagħmel stat ta' ġudikat fil-konfront tagħha, u fil-fatt it-talba ġiet milqugħa. L-appellati qalu li d-deċiżjoni fl-ismijiet **Dr Peter Caruana Galizia et *vs.* Christian Cardona** (Ref. 323/2018) m'għaddietx in ġudikat, u fil-fatt kienet appellata. Qalu li f'dak l-istess appell, ġie argumentat li r-rikors li sar fit-13 ta' Frar, 2017 minn Daphne Caruana Galizia nnifisha, sar qabel bdew jinstemgħu l-kawżi ta' libell, u għalhekk kien għadu mhux magħruf l-estent tal-vessatorjetà u tal-frivolità tat-talbiet tar-rikorrent. L-appellati qalu li l-Qorti tal-

Maġistrati (Malta) kienet qieset l-affarijiet fuq bażi *prima facie,* u għalhek kienet irrimarkat li ma jidhirx li ċ-ċirkostanzi imsemmija kienu ser jirriżultaw, u għalhekk ċaħdet it-talba. L-appellati qalu li l-affarijiet issa huma differenti għaliex il-każ ġie fi tmiemu permezz ta' ċessjoni, u fil-fatt iċ-ċirkostanzi rriżultaw. Qalu li dak li ngħata fid-9 ta' Marzu, 2024 kien digriet interlokutorju, fuq talba li saret fl-atti tal-mandat ta' sekwestru, u dan ifisser li kien japplika l-artikolu 230 tal-Kap. 12. L-appellati qalu li għaldaqstant l-Ewwel Qorti kienet korretta fl-analiżi tagħha.

20. B'riferiment għal dak li qal l-appellant fir-rigward tad-digriet li ta l-Maġistrat Francesco Depasquale meta astjena milli jisma' l-kawża li huma fetħu kontra l-Avukat Christian Cardona, l-appellati qalu li għandu jingħad li l-konvinċiment morali ta' ġudikant illi jkun fl-aħjar interess tal-ġustizzja li ma jismax il-kawża hu, ma jfissirx li opinjoni li jkun esprima qabel, f'dan il-każ permezz tad-digriet li ta fuq talba ta' Daphne Caruana Galizia, jagħmel stat ta' ġudikat għar-rikors odjern. L-appellati qalu li apparti l-fatt li l-Imħallef Depasquale, li dak iż-żmien kien il-Maġistrat li ta deċiżjoni dwar ir-rikors għar-revoka tal-mandati in kwistjoni, kien ukoll l-istess Maġistrat li kien qed jisma' l-kawża ta' libell u li ta d-digriet fejn ikkanċella l-kawża ta' Christian Cardona minn fuq il-lista minħabba n-nuqqas ta' interess tal-istess Christian Cardona. Qalu li huma għandhom jassumu li kienu dawn iċ-ċirkostanzi li kellhom impatt fuq id-deċiżjoni tal-Maġistrat Depasquale fil-kawża tagħhom kontra Christian Cardona.

21. L-appellati jgħidu li l-appellant jagħmel riferiment għall-artikolu 836(5) tal-Kap 12 sabiex jgħid li *'ma għandu jsir ebda appell u kontestazzjoni minn digriet li jilqa' rikors imsemmi fis-subartikolu (1) u dan id-digriet ikun finali u*

*irrevokabbli'*, u jgħidu li huma ma jistgħux jifhmu x'inhi r-rilevanza ta' din l-asserzjoni, meta r-rikors odjern huwa bbażat fuq l-artikolu 836(8) tal-Kap. 12 u mhux fuq l-artikolu 836(1). L-appellati jgħidu li l-appellant jipprova jasserixxi li l-Maġistrat Depasquale fil-fatt mar oltre l-*prima facie* minħabba l-fatt li dan ikkwota diversi sentenzi u mmotiva l-provvediment tiegħu, imma jgħidu li l-Maġistrat Depasquale kien għamilha ċara li kien qiegħed jiddeċiedi biss fuq il-bażi tal-*prima facie,* u li ma kienx deherlu f'dak l-istadju, li xi wieħed mill-erba' ċirkostanzi fejn tista' tiġi mposti penali, kienu jirriżultaw. L-appellati qalu wkoll li huma ma jaqblux lanqas mal-asserzjoni tal-appellant li mid-9 ta' Marzu, 2017 sal-lum, ma kien inbidel xejn, għaliex fil-verità l-appellant ma kellu l-ebda provi sabiex jissostanzja t-talbiet tiegħu fil-kawża ta' libell.

22. B'riferiment għat-tieni aggravju tal-appellant, l-appellati qalu li donnu l-appellant irid jikkonvinċi lil din il-Qorti li huwa kien sorpriż li kellu jipprova t-talbiet tiegħu. Qalu li l-appellant iddedika erba' paġni sabiex jispjega, b'mod fieragħ u azzardat, kif skont hu Daphne Caruana Galizia kien messha ppruvat il-każ tagħha hi. Qalu li dan m'hu xejn għajr każ ta' amneżija selettiva min-naħa tal-appellant, għaliex huwa jaf ben tajjeb li kien huwa li istitwixxa l-kawżi ta' libell, u li fuqu kellu l-oneru tal-prova. L-appellati qalu li l-appellant kien jaf, jew messu kien jaf, li jekk jintavola kawża jrid jipprova t-talbiet tiegħu. Qalu li l-appellant sostna li Daphne Caruana Galizia messha tat eċċezzjoni differenti, u wara li tkun tat dik l-eċċezzjoni messu kien hemm inverżjoni tal-provi, u kienet hi li naqset għaliex ma tatx l-eċċezzjoni li kellha twassal għall-inverżjoni tal-provi. L-appellati qalu li dan l-argument ma jreġġix, u l-appellant kellu tal-anqas jippreżenta l-affidavit ġuramentat tiegħu. L-appellati qalu wkoll li l-appellant

għamel numru ta' allegazzjonijiet fiergħa, fosthom fejn qal li Daphne Caruana Galizia naqset milli tivverifika jew tinvestiga l-informazzjoni li ngħatat mis-sors, u żiedu jgħidu li l-appellant seta' jipprova dan kollu fil-kawża ta' libell li huwa fetaħ u ċeda, u mhux f'dan l-istadju.

23. L-appellati qalu li ċ-*chilling effect* fuq il-midja Maltija intiż bil-mandati intavolati mill-appellant, seħħ b'mod dirett u immedjat, mhux wara li nbidlet il-liġi, u l-Ewwel Qorti għamlet konsiderazzjonijiet korretti dwar dan. Qalu li jekk l-appellant verament jemmen li l-artikoli ta' Daphne Caruana Galizia kienu inveritiera u malafamanti, ma kienx iċedi l-kawżi mingħajr ma jieħu l-pedana tax-xhieda biex jgħid li dak li kitbet ma kienx veru. Qalu li l-appellant lanqas ma kien iċedi l-kawżi sempliċiment għaliex Chris Cardona ma kienx reġa' appunta l-kawżi tiegħu. Qalu wkoll li l-appellant lanqas ma kellu joġġezzjona meta saret it-talba sabiex tiġi ppreservata d-*data* li kienet turi huwa fejn kien meta skont Daphne Caruana Galizia huwa kien ġewwa burdell f'Velbert. Qalu li dan kollu juri kif l-appellant għamel il-kawżi ta' libell u talab il-ħruġ ta' mandati ta' sekwestru kawtelatorju għall-massimu li seta', kapriċċożament, u sabiex ipattiha lill-ġurnalista li kienet kitbet fuqu, sabiex l-istess ġurnalista taħsibha darbtejn qabel tikteb xi ħaġa dwaru jew fuq xi politiku ieħor. L-appellati qalu li n-natura abbużiva tal-azzjonijiet u s-sekwestri kawtelatorji, hija manifesta fil-fatt li *ex admissis* l-appellant jgħid kemm-il darba li l-appell tiegħu u dawk istitwiti minn Dr Christian Cardona, huma dwar l-istess fatti. L-appellati qalu li dan ifisser li l-iskop tal-proċeduri istitwiti mill-appellant u minn Dr Cardona, kien sabiex dawn inaddfu isimhom, u għalhekk setgħu jagħmlu kawża waħda, imma l-intenzjoni tagħhom kienet sabiex jimmassimizzaw l-effett fuq il-ġurnalista. L-

appellati qalu li fil-fatt, minn meta saret din il-kawża, il-liġi inbidlet fis-sens li m'għadux aktar possibbli li jintalab mandat kawtelatorju ta' sekwestru jew qbid f'każ ta' libell, u lanqas m'għadu possibbli li persuna tintavola iżjed minn kawża waħda fuq l-istess suġġett. L-appellati qalu li jridu jġibu għall-konjizzjoni tal-Qorti anki l-fatt li kemm l-appellant, kif ukoll Dr Cardona, kien fi ħsiebhom jiftħu aktar kawżi u jagħmlu aktar azzjonijiet, iżda dawn waqfu minħabba l-*public outcry* li qamet wara li intavolaw l-ewwel erba' kawżi u sekwestri.

24. L-appellati qalu li l-appellant ipprova jxejjen dak li seħħ verament, billi jipprova jpinġi s-sitwazzjoni bħallikieku huwa dejjem kien dispost li jipprova l-każ tiegħu, u anki qal li ġab xi provi in sostenn tal-pożizzjoni tiegħu. Jgħidu li l-appellant jagħmel dan billi jallega li x-xhieda ta' Dr Peter Caruana Gaizia fis-26 t'April, 2018, jiġifieri sitt xhur wara li ġiet assassinata Daphne Caruana Galizia, kienet b'xi mod xi forma ta' prova. Qalu li jekk wieħed iħares lejn it-traskrizzjoni ta' din ix-xhieda, għandu jirriżulta li l-avukat difensur tal-appellant ċarament kien qiegħed jipprova jġiegħel lil Dr Caruana Galizia jgħid li ried jaċċetta r-responsabbilità ta' dak miktub, sabiex ikun jista' jitlob l-inverżjoni tal-provi. L-appellati qalu li fil-31 ta' Mejju, 2018, l-appellant ippreżenta rikors fejn talab il-preservazzjoni tal-informazzjoni relattiva għan-numru tal-*mobile* ta' Daphne Caruana Galizia li kienet mietet aktar minn seba' xhur qabel, u l-appellant kien liberu li jħarrek lis-*service provider,* u jitlobhom dak li xtaq peress li dan kien l-istadju tal-provi tiegħu; u kien diġà ġie stabbilit mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) li *data* bħal dik mitluba minnu, tiġi mħassra wara sitt xhur, u għalhekk kienet ilha mħassra mid-29 ta' Lulju, 2017. L-appellati qalu li dan ir-rikors baqa' mhux degretat minħabba li l-appellant laħaq ċeda l-kawżi. B'riferiment għall-fatt li l-

appellant qal li ppreżenta kapitoli fil-konfront tal-aħwa Caruana Galizia, l-appellati qalu li l-appellant ma setax jippreżenta kapitoli kontra tagħhom għaliex Daphne Caruana Galizia ma kinitx imħarrka in subizzjoni fl-avviż kif titlob il-liġi, u apparti minn hekk, dan il-fatt waħdu mhuwiex prova tal-fatt li l-appellant, fil-ħin li fih intavola l-kawża u l-mandati, kellu xi provi f'idejh sabiex jissostanzja t-talbiet tiegħu. Qalu li nżammu xejn anqas minn ħdax-il seduta li matulhom l-appellant ma ġab l-ebda prova ta' dak allegat minnu. Qalu li barra minn hekk, l-appellant jipprova jagħti l-impressjoni li kien hemm diskussjonijiet għaddejjin bejn il-partijiet, u dan għaliex kien hemm qbil fuq xi differimenti. L-appellati qalu li mhux minnu li kien hemm xi diskussjonijiet għaddejjin bejn il-partijiet, u l-unika darba li l-partijiet qablu fuq differiment kienet għaliex iż-żewġ avukati ma setgħux ikunu preżenti fil-ħin skedat għas-seduta. L-appellati qalu li fis-seduta tat-23 ta' Ottubru, 2017, seduta li saret biss sitt ijiem wara l-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia, Matthew Caruana Galizia kien stqarr li l-familja riedet li l-kawżi jitkomplew, u kien qal ukoll li huwa kien jaf li l-appellant kellu interess li jassigura li l-kawżi ma jitkomplewx. L-appellati qalu li meta Peter Caruana Galizia, fis-seduta tas-26 ta' April, 2018 stqarr li huwa xtaq li l-kawżi jiġu ċeduti kollha, huwa kien qiegħed jitkellem fuq it-tnejn u erbgħin (42) kawża ta' libell li huwa wiret mingħand martu, u li kien qed ikollu jidħol fihom f'daqqa waħda mingħajr ma kien involut fihom qabel, u dan fl-istess waqt li kien qiegħed jattendi għas-seduti tal-kumpilazzjonijiet tal-aħwa Degiorgio u ta' Vince Muscat, u għalhekk kien qiegħed ikollu jqatta' ħafna ħin il-Qorti. L-appellati komplew jgħidu li Dr Peter Caruana Galizia kien għejja, kien inkwetat fuq l-eżitu tal-kawżi minħabba li ma kienx jaf min kienu s-sorsi tal-mara tiegħu, u fuq kollox kien għadu kif tilef lil martu ħabta u sabta b'mod krudili. Qalu li kien f'dan il-kuntest

u b'sens ta' riflessjoni dwar dak li kien għaddej minnu, li huwa xtaq li jeħles mill-kawżi kollha li wiret, u mhux speċifikament b'riferiment għal dawn il-kawżi. Qalu wkoll li dakinhar tax-xhieda ta' Dr Peter Caruana Galizia, kien hemm ħafna tensjoni fl-awla.

25. L-appellati qalu li ladarba l-kawżi kienu fi stadju ta' provi tal-appellant, dan seta' jtella' lis-*service providers* kollha sabiex jixhdu fejn kien dakinhar li skont ma kienet kitbet Daphne Caruana Galizia, huwa kien f'burdell ġewwa Velbert, il-Ġermanja, u qalu li l-ġurnalista ma setgħetx tagħmel dan għaliex il-kawża kienet għadha ma waslitx fl-istadju tal-provi tagħha, iżda hija xorta waħda ħadet ħsieb li din id-*data* tiġi ppreservata sakemm jasal l-istadju tal-provi tagħha, anki għaliex kienet taf li din id-*data* titħassar wara sitt xhur. B'riferiment għar-riżultanzi tal-inkjesta dwar il-mewt ta' Daphne Caruana Galizia, l-appellati qalu li l-espert tekniku Keith Cutajar irrimarka li l-informazzjoni ppreservata kienet minn antenna waħda biss u mhux minn tlieta, u sabiex ikun jista' ssir l-eżerċizzju tat-*triangulation* ħalli jkun jista' jiġi ddeterminat eżatt fejn kien l-appellant matul iż-żjara tiegħu fil-Ġermanja, huwa kellu bżonn data minn tliet antenni. L-appellati qalu li l-espert tekniku spjega wkoll li kemm il-belt ta' Essen kif ukoll dik ta' Velbert, kienu *within a very reasonable range* tal-antenna li għaliha kellu d-data, u għalhekk huwa ma setax jgħid jekk l-appellant kienx qiegħed Essen jew Velbert. Qalu li dan sar magħruf fi stadju meta d-*data* tas-*service providers* kienet ilha li tħassret, għaliex kien għadda l-perijodu ta' sitt xhur.

26. B'riferiment għat-tielet aggravju tal-appellant, l-appellati qalu li huma talbu nofs l-ammont ta' €653.94, peress li għan-nofs l-ieħor kien jaħti l-Ministru

Chris Cardona. Hawnhekk l-appellati għamlu riferiment għal dak li jipprovdi l-artikolu 836(9) tal-Kap. 12, u qalu li t-talba fil-fatt saret permezz ta' rikors fil-forma ta' avviż, u ngabet prova li dan kien l-ammont miżmum mill-HSBC, sabiex iddepożitaw il-flus wara li saru l-mandati ta' sekwestru kawtelatorji.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

27. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mill-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Ewwel Qorti fid-deċiżjoni appellata, u tas-sottomissjonijiet li saru mill-appellati, inkluż waqt it-trattazzjoni quddiem din il-Qorti.

*L-Ewwel Aggravju:* *[L-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-eċċezzjonijiet u tal-provi mressqa mill-appellant dwar in-nullità tal-azzjoni]*

28. L-appellant isemmi diversi raġunijiet għalfejn fil-fehma tiegħu l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-eċċezzjonijiet imressqa minnu dwar in-nullità tal-azzjoni proposta mill-appellati abbażi tal-proċedura adoperata minnhom, senjatament għaliex skont l-appellant, l-azzjoni ma saritx skont il-proċedura stipulata fl-artikolu 836 tal-Kap. 12, peress li l-appellati ma talbux danni u għalhekk id-deċiżjoni hija *ultra petita;* kif ukoll għaliex l-appellant jgħid li l-azzjoni ma setgħetx tiġi proposta ladarba l-effetti tal-mandati kawtelatorji maħruġa minnu ma kinux għadhom fis-seħħ, kif ukoll għaliex kienet ingħatat deċiżjoni preċedenti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) wara talba li saritilha

abbażi tal-artikolu 836(8) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li kienet ġiet miċħuda, u għalhekk dak il-mertu kien għadda in ġudikat.

29. Din il-Qorti sejra tibda billi qabel kull ħaġa oħra tagħmel l-osservazzjonijiet tagħha dwar l-eċċezzjoni tal-appellant dwar l-improponibbilità tal-azzjoni abbażi tal-artikolu 836(8) tal-Kap. 12. Dan għaliex jekk l-eżitu dwar din l-eċċezzjoni jkun tali li ladarba l-mandati kawtelatorji ma kinux għadhom *in vigore*, l-azzjoni ttentata mill-appellati ma setgħetx tiġi proposta taħt dan l-artikolu tal-liġi, l-appell ikollu jieqaf hawnhekk. Il-Qorti qiegħda tippreċiża wkoll, kif diġà rrilevat meta saret it-trattazzjoni *viva voce* mill-partijiet, li hija tinsab sprovvista għal kollox minn kull prova dwar il-mertu tal-azzjoni. Għalhekk minkejja dak li nkiteb u ntqal mill-partijiet u mill-avukati difensuri tagħhom waqt is-smigħ ta' dan l-appell, din il-Qorti m'għandha quddiemha l-ebda prova sostantiva, għajr għall-provi dokumentarji mressqa mill-partijiet quddiem l-Ewwel Qorti, sabiex tkun f'pożizzjoni li tagħmel xi osservazzjoni dwar il-mertu tal-azzjoni. Dan il-Qorti qiegħda tippreċiżah minħabba l-livell ta' dettall mogħti kemm fir-rikors tal-appell, kif ukoll fir-risposta tal-appellati, u anki in vista tad-dettalji li ngħataw waqt it-trattazzjoni *viva voce* quddiem din il-Qorti.

30. L-appellant jikkontendi li din l-azzjoni ma setgħetx tiġi proposta taħt l-artikolu 836(8) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, għaliex l-effetti tal-mandati ta' sekwestru kawtelatorju ma kinux għadhom *in vigore*. L-Ewwel Qorti kienet laqgħet it-talba ta' Daphne Caruana Galizia għall-ħruġ tal-kontro-mandati opportuni, in vista tal-fatt li l-ammonti milquta bil-mandati ta' sekwestru kawtelatorji kienu ġew iddepożitat minnha taħt l-awtorità tal-Qorti. Il-Qorti tagħmel riferiment għal-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna dwar il-jedd tal-parti

eżekutata li titlob il-likwidazzjoni tal-penali taħt l-artikolu 836(8) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Hekk per eżempju, fid-deċiżjoni fl-atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Kontro-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju numru 796/17 fl-ismijiet **Dimbros Limited *vs.* Philip Agius & Sons**[1], ingħad:

> *"Illi dwar il-kwestjoni tal-impożizzjoni tal-penali, irid jingħad li din hija sanzjoni fakoltattiva. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, <u>tista</u>' taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareġ Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali. Minbarra li tali impożizzjoni hija fakoltattiva, irid jintwera għas-sodisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mil-liġi biex tali sanzjoni tiġi imposta. Erbgħa (4) huma ċ-ċirkostanzi maħsubin mil-liġi f'dan ir-rigward, u ladarba huma sanzjoni punittiva, għandhom jitqiesu strettament bħala tassattivi. (fn. 8: ara P.A. T.M. **13.3.2003** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet **Cole Foods Ltd. vs Euro Imports Ltd.**). Dwar din id-diskrezzjoni ngħad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirriżultaw l-estremi li l-liġi teżiġi biex din tkun imposta, u l-Qorti tista' biss tagħżel li ma timponix il-penali maħsuba fl-artikolu 836(8) f'każijiet estremi fejn is-sens ta' ġustizzja hekk kien jimponilha. (fn. 9: App. Ċiv. **13.3.2001** fil-kawża fl-ismijiet **Joseph Rapa vs Raymond Sammut**). Il-penali maħsuba fl-imsemmi artikolu 836(8) tal-Kap. 12 hija waħda ta' ordni pubbliku mmirata li tiżgura serjetà fil-proċess ġudizzjarju u biex ma tħallix li l-istitut tal-mandati kawtelatorji jintuża b'abbuż."*

31. Fid-deċiżjoni fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ ta' Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Sekwestru numru 289/17 fl-ismijiet **Office Group Limited *vs.* L-Awtorità tal-Ippjanar et**[2], il-Qorti qalet:

> *"Illi fil-każ tal-lum, AI ma tispeċifika l-ebda waħda mid-dispożizzjonijiet fl-artikolu 836(8) li dwarhom temmen li din il-Qorti jmissha tikkundanna lil Office Group biex tħallas "l-ogħla penali". **Hija ssemmi wkoll l-artikolu 836(9) imma hija ċara li talba taħt dik id-dispożizzjoni tal-liġi trid issir, jekk ikun il-każ, b'azzjoni għaliha u mhux bħala proċedura marbuta ma' talba għat-tħassir ta' Mandat kawtelatorju."** (enfasi miżjuda minn din il-Qorti)*

[1] P.A.Q.Ċ., 21.08.2017.
[2] P.A.Q.Ċ., 06.04.2017.

32. Dak li jrid jiġi deċiż f'dan l-istadju huwa jekk l-appellati kinux korretti li pproċedew b'azzjoni taħt l-artikolu 836(8) tal-Kap. 12, meta jirriżulta li l-effetti tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ma kinux għadhom fis-seħħ. L-appellati jgħidu li s-sub-artikolu 836(8) tal-Kap. 12 qatt ma kien maħsub biex jingħata interpretazzjoni restrittiva, u dan huwa artikolu li jħaddem il-prinċipju tal-ordni pubbliku, u għalhekk m'għandux ikun li dan japplika biss safejn u sakemm l-effetti tal-mandat kawtelatorju jkunu għadhom fis-seħħ. L-appellati spjegaw kif fil-każ preżenti, id-danni u l-preġudizzju sofferti minnhom estendew lil hinn miż-żmien li fih il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju in kwistjoni kien għadu fis-seħħ, u permezz tal-*affidavit* ta' Dr Peter Caruana Galizia quddiem l-Ewwel Qorti, spjegaw b'mod ċar kif seħħ dan. Mingħajr ma tinnega l-fakoltà li għandhom l-appellati li jfittxu rimedju għad-danni sofferti minnhom taħt xi dispożizzjoni oħra tal-liġi, din il-Qorti trid tistabbilixxi jekk l-appellati kinux korretti meta pproċedew b'azzjoni taħt l-artikolu 836(8) tal-Kap. 12, meta l-effetti tal-mandati ta' sekwestru kawtelatorji ma kinux għadhom fis-seħħ, u l-mandati fil-fatt kienu ġew revokati wara li l-flus milquta bl-effetti tal-mandati, ġew iddepożitati taħt l-awtorità tal-Qorti. Fil-*margin note* tal-artikolu 836 tal-Kap. 12, fil-fatt hemm l-intestatura 'Kontro-Mandat', li jfisser li dan l-artikolu tal-liġi huwa maħsub biex jirregola l-kontro-mandati, jew aħjar kif jistipula s-sub-artikolu (1) tiegħu, talba għar-revoka totali jew parzjali tal-mandat kawtelatorju li jkun inħareġ, għal xi waħda mir-raġunijiet stipulati fis-sub-inċiżi (a), (b), (ċ) jew (d) tiegħu. Fil-każ preżenti jirriżulta li l-kontro-mandati opportuni kienu nħarġu ftit jiem wara li l-flus milquta mill-effetti tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju, ġew iddepożitati taħt l-awtorità tal-Qorti mill-eżekutata, u għalhekk ma kienx għad hemm il-ħtieġa li l-effetti tal-mandati ta' sekwestru kawtelatorji jibqgħu

fis-seħħ. Il-Qorti tirrileva li s-sub-inċiżi tal-artikolu 836 tal-Kap. 12, huma kollha maħsuba sabiex jirregolaw x'għandu jsir fil-kuntest ta' talba għall-ħruġ ta' kontro-mandat, inkluż għalhekk l-artikolu 836(8) tal-Kap. 12, li jistipula f'liema kuntest tista' ssir talba għall-ħlas ta' penali lill-persuna li kontra tagħha jkun inħareġ mandat kawtelatorju. Ladarba l-mandat kawtelatorju ma kienx għadu fis-seħħ, il-Qorti tqis li l-appellati ma setgħux jipproċedu b'azzjoni għall-ħlas ta' penali taħt l-artikolu tal-liġi li jirregola t-talbiet tal-parti eżekutata biex l-effetti tal-mandat jiġu revokati kompletament jew parzjalment.

In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti sejra tilqa' l-ewwel aggravju mressaq mill-appellant limitatament in kwantu dawn il-proċeduri ġew ippreżentati *ai termini* tal-artikolu 836(8) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan għaliex il-Qorti tqis li l-appellati kellhom rimedji oħrajn għad-dispożizzjoni tagħhom jekk riedu jipproċedu b'azzjoni għad-danni sofferti minnhom, liema rimedju iżda mhux dak ikkontemplat taħt l-artikolu 836(8) tal-Kap. 12, li għandu applikazzjoni limitata għal sitwazzjonijiet fejn mandat kawtelatorju jkun għadu effettiv.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tiddisponi minn dan l-appell billi tilqgħu, filwaqt li tirrevoka d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha, u dan għaliex il-proċedura li rrikorrew għaliha l-appellati, ma kinitx dik korretta.**

**L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri fiż-żewġ istanzi għandha tkun a karigu tal-appellati.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**